# Mis-Sillabu

## RIVISTA GĦALL-ISTUDENTI TAL-MATRIKOLA

Volum 1 Numru 9

KUMMENTI TA' ĠORĠ ZAMMIT
FUQ IL-POEŻIJA TIEGĦU
PJAN GĦAL KOMPONIMENT
FUQ ID-DROGI
INTERVISTA MA' EBEJER FUQ
"L-IMNARJA ŻMIEN IL-QTIL"
TAGĦRIF ĠDID FUQ ĠUŻÈ BONNICI
TAGĦRIF BIJOGRAFIKU FUQ
MARIO AZZOPARDI TA' "TABERNAKLI"

TAQSIMA GĦALL-GĦARBI:
KOMPONIMENT MUDELL U MISTOQSIJIET
BIL-MUDELL TAT-TWEĠIB GĦALL-EŻAMI

peg Publications

PUBBLIKAZZJONI TAL-PUBLISHERS ENTERPRISES GROUP (PEG) LTD.

25ċ

# Mis-Sillabu

**Maħruġ l-ewwel darba f'Settembru, 1984**

**Volum 1 Numru 9**

Pubblikat mill-Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd,
Triq Herbert Ganado,
Il-Ħamrun, Malta.

© 1985 P.E.G. Ltd.
© Dritt Letterarju tal-kittieba

Il-jeddijiet kollha miżmuma. L-ebda silta ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa b'xi mod jew ieħor fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, irrekordjat mingħajr il-permess bil-miktub tal-Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd.

Phototypeset mill-Comprint Ltd, Il-Ħamrun
Mitbugħ mill-Imprint Ltd, Ħal Qormi

**Bord Editorjali**
Ġorġ Mifsud (*Editur*)
Mario Azzopardi (*Sub-Editur*)

*Konsulenti* J.M. Brincat
Geth Massud
Paul Xuereb

**Il-Kittieba**

Mario Azzopardi
Francis Ebejer
A. Micallef
Ġorġ Mifsud
Ġorġ Zammit
Alfred Zerafa

**X'FIH**

**Intervista ta' Mario Azzopardi ma' Francis Ebjer dwar *L-Imnarja Żmien il-Qtil*** (2) 153
**Pjan għal Komponiment: Id-Drogi – Problema tagħna wkoll** *Ġorġ Mifsud* 155
**Soċjo-Realisti madwar Ellul Mercer** (3) – **Ġużè Bonnici** *Mario Azzopardi* 156
**Ġorġ Mifsud jintervista lil Mario Azzopardi** 158
**Il-Qagħda tal-Palk Malti fl-1962 minn *Argument tal-Ġurnata*** 160
**Ġorġ Zammit jikkummenta fuq il-Poeżija tiegħu** 163
**Il-Problema ta' l-*Essay*** *A. Micallef* 164

فهـــم المكتـــوب

١٢ يـوم في الرّيـف- ٤ بقلم الفريد زرافا

**Profil: Anton Buttigieg** *Ġorġ Mifsud* Kopertina

***L-EDITORJAL***

F'dan ix-xahar ta' Mejju rridu niċċelebraw l-anniversarju tal-mewt ta' Anton Buttigieg. Miet sentejn ilu f'dan ix-xahar ta' ġmiel in-natura, li tant kien igħożż. Il-poeżija tiegħu jgħożżuha wkoll il-barranin, fosthom Muħammad Zaki Abd-al Kadir li, wara li qara l-antoloġija tiegħu *Qabas al-Misbaah* ('Il-Kebbies tal-Fanali'), maqluba għall-Għarbi minn Ahmed Talaat u Muhammad Mustafa Belhaag, ispira ruħu biex jikteb il-kummentarju *Nerġa' Lura lejn in-Natura* ppubblikat f'waħda mill-ħarġiet ta' *Jawmijaat al 'Akhbar* fl-1979 u li jien se naqleb xi siltiet minnu għall-Malti bħala tifkira.

"Kont inħobb in-natura, trabbejt magħha fil-kampanja u għaraftha wara li għaraft id-dinja. Qalbi u ruħi kienu mfawrin biha u moħħi wkoll. Għallmitni naħseb fuq kull tektika ta' l-immaġinazzjoni tiegħi, fuq kull idea li timraħ f'moħħi jew li toħroġ minnu u fuq kull sentiment li jferraħni jew li jdejjaqni...

"Għalaqt għajnejja hu u jidlam sewwa u ftaħthom mażżerniq. U l-imrieżaq tiegħu mlew l-ixfqa. Għaddejt l-għaxijiet u l-għodwiet man-natura. Kont ferħan u kont imdejjaq; in-natura ksiethom bil-liżar tas-smewwiet: keffint in-niket tiegħi fin-natura, xorbot in-niket tiegħi imma l-ferħ fanndithuli bħal kieku biex tippremjani.

"Rajt in-nebbieta fil-fosdqa taż-żerriegħa u mbagħad rajt tifel u għaraft l-għaġeb tal-ħolqien u mbagħad rajtu jogħla 'l fuq lejn is-smewwiet bħal siġra għolja sfiqa bil-fiergħi, bil-frott u bil-weraq aħdar. U mbagħad ħassejt fija nnifsi s-sliem tat-twemmin, ħassejt id-difa li jfiehem kollox u ħsibt li jien kont sid din id-dinja malli għaraftha. U jien mingħalija li la jiena biċċa ċkejkuna ta' din id-dinja, id-dinja wkoll hija biċċa ċkejkuna minni. Din id-dinja kixfitli l-bidu u t-tmiem, it-triq, il-fond u l-għoli...

"In-natura missitli s-sentimenti tiegħi u l-qalb u l-moħħ u għalhekk ma nistax inkun naf min minnhom sema' minnha għax it-tlieta li huma tħalltu sewwa flimkien. Kultant ħsibtha qiegħda f'xi rtir twil biex jiena nitwaħħad ħaġa waħda mad-dinja. Imma kultant ħsibtha daqshekk profonda li ħassejtni qisni xi ras sħuna nqum kontra l-bqija ta' l-univers... U fit-tnejn (fil-għaqda u fil-firda) kont insib it-triq ċara quddiemi u d-dawl qawwi u jiena kollni kemm jien mimli bis-sliem għax ma ħassejtx li ċ-ċentru tan-natura nbidel imma sibt li m'hix aħjar minn karta bajda li fuqha Alla s-Setgħani u l-Kbir jikteb kulma jkun irid Hu mit-tajjeb u mill-ħażin... U dejjem ħassejtni biċċa waħda min-natura u n-natura biċċa waħda minni. Jekk inkun imnikket nerġa' lura lejn in-natura u meta nkun ferħan nieħu mingħandha kulma rrid. Iż-żerriegħa waħda u ġisem wieħed.

"Xi ljieli sbieħ għaddejt fi tfuliti, f'żgħożiti u fi rġuliti fiż-żiffa li tixbah il-keffa ta' id in-namrat jew fl-irjieħ qawwija jew fost il-mewġ tal-baħar igħajjat bħall-bhejjem selvaġġi jew fuq il-quċċata tal-muntanja miksija bis-silġ u r-ragħad iriegħed u jtarrax jew fl-ajruplan meta jkun qiegħed iserrep hu u jtir fis-smewwiet jew iżiġġ fid-dritt bħallikieku qiegħed juri t-triq tal-ġenna...

"... Kemm-il darba waqaft ħdejn in-nixxigħat biex nissamma', imdawwar kullimkien bl-egħlieqi sa truf ix-xefaq, l-għajta dgħajfa taż-żringijiet u l-ilma jgelgel mill-għoli ... u l-kliem tal-qamar ... u s-smewwiet fuq kulħadd jostru l-moħbiet tagħhom.

"Dan kollu għallmithuli n-natura u dan kollu fhimtu. In-nies magħmula fuq it-tifsila tagħha u hi fuq it-tifsila tagħhom u ma nafx, min hu l-ewlieni u min hu l-kopja? Jien ma nistax inweġibha din il-mistoqsija u ħadd żgur ma jista' jweġibha għax tolqot lill-Eżistenza l-Kbira, lill-Alla."

# L-IMNARJA ŻMIEN IL-QTIL



Disinn ta' Aldo Gatt, 1985

## INTERVISTA ta' M. AZZOPARDI ma' FRANCIS EBEJER (2)

**F'din it-tieni parti ta' l-intervista esklussiva li ta lil Mario Azzopardi, Francis Ebejer ifiehem x'inhi t-tama tiegħu dwar "it-tieni kuxjenza" li jittama li tibda tkun ikkultivata fil-Maltin, dwar l-element ritwalistiku-reliġjuż fix-xogħol tiegħu u dwar it-tensjoni soċjali bejn it-tradizzjonali u l-modern. L-ewwel parti ta' din l-intervista dehret fil-ħarġa li għaddiet ta' *Mis-Sillabu*.**

- **Huwa sewwa li wieħed igħid li f'"L-Imnarja Żmien il-Qtil" qiegħed tesprimi x-xewqa li l-ġenerazzjonijiet ġodda tal-Maltin ikunu jiswew għal xi ħaġa? X'inhi l-fehma tiegħek dwar iż-żgħażagħ ta' Malta moderna?**

F'dik l-epoka ta' tranżizzjoni ta' Malta kolonjali għal Malta sovrana, kulħadd, konxjament jew le, kien u baqa' jittama f'affarijiet dejjem aħjar. Dan jixhdu l-istess ferment politiku, li hi kelma oħra għad-dinamiżmu. Nista' ngħid li din it-tema hija ċentrali wkoll kemm għall-ħames rumanz tiegħi *Requiem for a Malta Fascist* u għad-dramm *Meta Morna tal-Mellieħa*.

Ma jistax jonqos li, bħalma jiġri dejjem u kullimkien, huma ż-żgħażagħ li fl-aħħar mill-aħħar iridu jkomplu jseddqu dak li jkun inbeda qabilhom. Kull ġenerazzjoni tintemm skond il-mod li tkun għexet u ħadmet, u skond kemm ħasbet 'il quddiem.

Iż-żgħażagħ tad-dramm kollha qegħdin jew kienu l-iskola, u miċ-ċajt u ż-żuffjett tagħhom stess wieħed jista' jinduna malajr li jippossiedu l-istoffa għal egħmil siewi fil-ġejjieni.

Iżda tkun ħaġa pożittiva wkoll li ma jagħtux daharhom lill-waqt u s-sens ta' l-Imnarja, li jien ngħoddha bħala waħda mill-aqwa tqanqiliet fil-moħħ kollettiv Malti ta' komplessità psikoloġika kbira. Hija waħda minn dawk l-okkażjonijiet meta l-bniedem Malti, bid-difetti tiegħu kollha, jerġa' jsib ruħu "naturali" għax isir ħaġa waħda man-natura bil-kontradizzjonijiet kollha tagħha, b'riżultat li tibqa' tinżamm xi ftit 'il bogħod it-theddida teknoloġika tal-bniedem-magna.

Għalkemm kienu l-Kavalieri – in-naħa Ewropea ta' l-eredità tagħna – li nedew l-Imnarja fostna, u għalhekk sata' kien hemm il-periklu ta' xi ħaġa *imposta* fuq il-kultura nazzjonali, l-idea xorta ħadet mill-ewwel. Iż-żerriegħa sabet l-art lesta għaliha.

Ħaġar Qim u r-riti tiegħu għadhom f'demmna, fenomenu li hu wkoll rifless fil-gost tal-Maltin biċ-ċerimonji ritwalistiċi *per se* fil-knejjes tagħna.

Hawn jien ħriġt xi ftit mil-linja, imma dan għamiltu biex nenfasizza li ż-żgħażagħ tagħna m'għandhomx għalfejn jibżgħu li sejra tonqsilhom ir-rieda li jgħinu lil pajjiżhom, għax egħruqhom huma kbar u sodi, u dawn dagħbien dejjem se jsibu fiex jitferrxu aktar.

Forsi wkoll għad xi darba tiżviluppa sew id-doppja, jew it-tieni, kuxjenza fostna u, nittama, kullimkien. Din naraha se tkun waħda mill-aqwa qabżiet fl-evoluzzjoni psikika tal-bniedem. Din hi li mal-kuxjenza personali ta' kull wieħed minna, qiegħda titrabba kuxjenza oħra ġewwa fina – dik li twessagħlek l-għarfien ħalli tifhem aħjar il-kuxjenza ta' għajrek u b'hekk titgħallem tirrispettaha, tittolleraha u tagħdirha ferm aktar.

Fid-dramm, Peter u Roża t-tnejn għandhom din id-doppja kuxjenza, l-aktar Roża. F'Ġulja, għadha kemm bdiet. F'Marjo, għadha xi ftit 'il bogħod. F'Ġakbu, bniedem tar-raba', illitterat, qiegħda hemm bis-sħiħ, żviluppata sew!

- **Inkunu korretti jekk nosservaw li, għallinqas sub-konxjament, jidher li hemm element "reliġjuż" f'dan id-dramm?**

Biex biċċa xogħol tkun "reliġjuża" m'għandux għalfejn jissemma Alla b'Ismu. L-Alla li nqimu la hu dak tal-baffi u lanqas l-alla teknoloġiku ta' Carl Sagan. Huwa Dak li jagħti xhieda Tiegħu nnifsu fl-egħmil tagħna. X'jiswa s-sħab jekk ma jwennisx mix-xemx u jagħtina x-xita? Bix-xita l-aktar li tisseddaq l-idea tagħna tas-sħab.

L-idea ta' sagrifiċċju, semi-pagan, semi-nisrani (ta' Malti li jien, u ta' Maltin li intom, jekk iridu nkunu sinċieri) rari stajt inwarrabha mix-xogħlijiet tiegħi. Dnub u superstizzjoni, sens ta' ħtija u ndiema, qrar u tpattija jew ħlas, u sa fl-aħħar il-fidwa...

Żgur li qatt ma nkunu nistgħu nifhmu lilna nfusna bħala nies Maltin, inqas u inqas bħala razza Mediterranea, bil-Feniċi u l-allat tagħhom ma' oħrajn ta' wara, jekk ma naċċettawx il-bidu pagan tagħna, ħalli mbagħad naslu aktar razzjonalment għat-traxxendenza u s-sublimazzjoni ta' dak il-bidu qawwi u dinamiku permezz tal-kristjaneżmu – suġġett li jien kont ittrattajt fil-każ ta' Ġorġ tar-rumanz *Wild Spell of Summer*.

Daqskemm hija storika l-idea tagħna ta' ħlas għan-nuqqasijiet tagħna, kemm f'sens pagan u dak nisrani, daqshekk hu qawwi s-sens tagħna tal-Ħaruf t'Alla li jaħfer – bħalma darba l-allat kienu jaħfrulna meta konna nimmansawhom xi ftit bir-riti tas-sagrifiċċju.

Qabel ma setgħet titwettaq ir-rabta bejn *art* (il-kriżi li jinsabu fiha l-karattri) u *sema* (is-soluzzjoni, jew il-wasla, fejn għandna nifhmu li kollox hu sew, jew għallinqas aħjar minn qabel), l-ewwelnett ... f'*Ħitan* kellu jkun hemm it-tisliba ta' Albert minn taħt idejn in-Nannu; f'*Meta Morna tal-Mellieħa* kellu jkun hemm l-attentat suwiċidali ta' Anna u l-qtil (sagrifiċċju) ta' waħda mit-trinità ta' tiġieġ bojod puri; f'*Leap of Malta Dolphins* kellu jkun hemm il-qtil sesswali ta' Lenarda, l-iktar waħda innoċenti fost il-karattri ta' dak ir-rumanz; f'*Il-Ħadd fuq il-Bejt* kellu jkun hemm, mal-mewt ta' l-omm, it-twelid iebes ta' Rita nfisha; f'*Menz* il-qtil ta' Ġorġ mis-soċjetà; u l-mewt (l-immolazzjoni) ta' Menz innifsu ġol-maqdes tal-kuxjenza;

f'*Karnival* kellu jgħib il-maskerat bħad-duħħan minn fuq l-altar tal-fakra. F'*L-Imnarja Żmien il-Qtil*, id-demm tal-fniek jorbot mad-demm tal-mara li tajjar Marjo, u ma' demm ieħor li ma jidhirx għax ġej minn qtil metaforiku.

Waqt li s-simbolu tal-"Ħaruf t'Alla" huwa ċar f'dawn il-każi, f'oħrajn forsi m'hux daqshekk, iżda xorta qiegħed hemm: hemm *sema* ġdid fl-għarfien ġdid ta' Ġulja wara t-telfa tagħha; fl-aħħar deċiżjoni ta' Peter, umana u pożittiva; l-istess dik ta' Roża; fil-girfa mdemma stess ta' fuq id Marjo li tħallas xi ftit għad-demm tal-mara-vittma tiegħu u għall-kobba mħabbla ta' l-emozzjonijiet li qegħdin jaħkmuh – dik l-istess id li kien juża biex ibierek biha meta ta' tifel kien jilgħab bl-altari; l-istess id ta' fuq l-istering, u li tafa' fuq oħtu

Marbuta ma' din l-idea reliġjuża ta' ħtija, ħlas, maħfra u tindif hemm l-għażla ħielsa.

Peter jitnaddaf meta jissagrifika minn jeddu l-ġibdiet sesswali tiegħu lejn Ġulja; Marjo meta jibda jersaq biex jistqarr ħtijietu; Roża meta fl-aħħar taċċetta l-vera għajta ta' qalbha. L-inbid (cf. tal-quddiesa) ta' Kortis jimla lil Gejtu b'sens akbar ta' fedeltà, 'il hinn mill-opportuniżmu. Ġakbu, bniedem umli u ġwejjed daqs l-aktar fenek innoċenti fil-kaxex ta' taħt is-siġar, jiswa biex ħuh il-Professur ma jinsa qatt l-għażla ta' egħruqu u ta' egħruq Malta, u l-fatt li 'l hinn mill-għarfien li tawh il-kotba, hemm għarfien ieħor, u aqwa: l-għarfien tiegħu nnifsu u ta' għajru, għarfien uman – id-doppja kuxjenza.

- **Safejn għandna nifhmu li fix-xogħlijiet tiegħek hemm tensjoni qawwija bejn il-qadim u l-ġdid, bejn it-tradizzjoni u l-progress?**

Il-kreattività artistika tinħtiġilha l-ambivalenza, bħal kull kreattività oħra. Twelid iseħħ permezz ta' żewġ sessi opposti. Il-lejl hu l-wiċċ l-ieħor tan-nhar; il-mewt, tal-ħajja; il-biki, tad-daħk.

L-istess skiżofrenja artistika, rifless ta' l-elementi kuntrastużi tal-ħajja, lill-artista tfornih bi spirtu u enerġija biżżejjed biex ikun jista' jofroq u jifli l-kundizzjoni umana 'l ġewwa mill-ġilda tal-wiċċ. Kif kiteb Brecht fl-1952: *"We should not be satisfied with seeing Prometheus breaking his chains; but with all those mysterious feelings, aspirations, dreams, etc., that were inside him, driving him to break those chains."* Bħalma għamel, ngħidu aħna, Strindberg, meta ħassu ristrett wisq bit-teknika realistika ta' l-ewwel xogħlijiet, u beda jesplora dawk il-*"mysterious feelings"* biex b'hekk ħareġ bl-aqwa drammi tiegħu. Ukoll, Simone de Beauvoir: *"some writers take inventory without trying to discover meanings."*

Jien xejn ma jien kontra t-tradizzjoni, ħlief il-ħażin tagħha. Ħadd m'hu daqshekk miġnun li se jagħti bis-sieq is-sellum li jkun tala' bih, imma xorta jrid joqgħod attent li ma jirfisx fuq l-iskaluni mherrija.

Il-progress fih innifsu hu kollu tajjeb; suġġettivament mhux tajjeb meta jxejjen xi valuri intrinsiċi tal-bniedem. Il-ġdid li ż-żgħażagħ tad-dramm jixtiequ jħaddnu m'hux kollu tajjeb, daqskemm m'hix tajba kull ħaġa li ssir fl-Imnarja. Iżda hemm it-tajjeb fit-tnejn, u meta dawn jingħaqdu, id-dikotomija ssir entità, u l-ġid jitkattar.

Peter, raġel suppost modern, maqbud fil-festa antika tal-Buskett, isib ruħu wiċċ imb'wiċċ ma' Ġulja fuq naħa, dik li tirrappreżenta xi valuri qodma, biċċa tajbin, oħrajn la ċari u lanqas ħielsa għal kollox mill-ipokresija; fuq in-naħa l-oħra, ma' Roża, il-moderna li taf taħseb ta' moderna imma li għad fadlilha sensittività biżżejjed li twieżen sew it-tradizzjonali, l-antik. Min minn dawn iż-żewġ nisa hu l-aħjar, jew taqbel l-iktar għall-idea ta' kif għandha tkun il-mara Maltija ta' llum? Liema minnhom taqbel l-iktar għal Peter mifdi?

Dawn huma għamla ta' mistoqsijiet li l-kittieb iħallihom għall-fehma tal-qarrej jew membru ta' l-udjenza. Dawn, wara kollox, għandhom, bħall-awtur innifsu, kull jedd li l-ħaġa



Il-Qtil ta' l-Innoċenti.
Disinn ta' A. Cardinali, 1985.

jifhmuha skond l-ambjent u ċ-ċirkustanzi ġenerali tagħhom stess.

Jien ikolli ngħid li ħjiel ta' l-aħjar soluzzjoni għal għaqda aktar perfetta bejn it-tradizzjoni u l-progress jagħtuhielna dawk l-istess nies xalaturi ta' l-Imnarja li wara li jkunu xxalaw kemm felħu l-Buskett, l-għada, *pace* xi *hangover* tal-miżerikordji, imorru lura għax-xogħol, ħafna minnu f'oqsma progressivi tal-pajjiż, b'aktar enerġija u viżjoni għax ikunu "xorbu" minn għajn qadima iżda wkoll ewlenija tal-kultura nazzjonali.

In-nies tad-dramm żgur li ġarrbu xi telfiet waqt l-Imnarja tagħhom, iżda meta jagħlaq is-siparju, m'hemm xejn li ma jurikx li kien seħħ twelid ġdid u għall-aħjar mit-tensjoni ta' bejn il-qadim u l-ġdid.

- **Fejn jispiċċa n-naturaliżmu u fejn jibda l-espressjoniżmu simboliku f'dan id-dramm?**

L-espressjoniżmu jien narah joħroġ f'dawk ix-xeni u djalogar li jixhdu l-ħsus ittorturati tal-karattri, ħsus li jingħataw żvog min-natura stess tal-festa li hemm imdaħħal fiha, l-ewwel, qtil reali ta' fniek u l-mara-vittma ta' Marjo; imbagħad, qtil ieħor emozzjonali u psikoloġiku.

Għal ħafna, l-Imnarja ma tfisser xejn ħlief għana, tbahrid, ikel, xorb u sess – u l-quddies nharha. Għan-nies tad-dramm, il-festa tinbidel f'esperjenza għal kollox suġġettiva u individwalistika. Għalihom – mhux x'inhi l-Imnarja, imma x'qiegħda tagħmilli l-Imnarja?

Jien stess, bħala bniedem, inħoss ukoll xi ħaġa minn dawn l-influwenzi, u l-ambivalenza tittorturani wkoll. Iżda, bħala l-kittieb, hemm bżonn li nkun ġust man-nies li jien stess inkun ħlaqt u għalhekk għandi nagħtihom il-libertà meħtieġa biex iħossu u jagħmlu kif jidhrilhom huma.

Biss nibqa' nżomm il-jedd – u hawn issa qiegħed nitkellem bħala bniedem u kittieb f'daqqa waħda li naqbel jew ma naqbilx magħhom.

Qtil jippreżupponi biża' u emozzjonijiet primittivi, fejn il-kultura ereditarja u dik ambjentali f'waqt jew ieħor kważi ma jibqgħux jintgħarfu minn xulxin, għax id-destin bħal jieħu r-riedni f'idejh. Iżda dan id-destin in-nies tad-dramm jiġġeldulu b'dik il-qawwa li ġejja minn dawk l-istess fatturi ereditarji u ambjentali li d-destin kien ipprova jxejjen.

Ftit li xejn hemm qabża għan-naturaliżmu meta dan ifisser li l-ambjent u l-eredità jiddominaw u fl-istess waqt igħinu l-karattri. Huma nies intelliġenti u jagħmlu minn kollox biex jippruvaw jifhmu lilhom infushom u 'l ħbiebhom sabiex forsi jtejbuha l-qagħda emozzjonali tagħhom jekk mhux qabel ma jintemm id-dramm, għallinqas wara . . .

Fi kliem ieħor: espressjoniżmu, meta dawn in-nies iħarsu lejn l-Imnarja mil-lenti privata ta' l-emozzjonijiet ittorturati tagħhom; u għalhekk id-dettalji simboliċi tal-fniek, ta' l-għana, ta' l-id migrufa; tal-mixi; tal-ħsejjes żgħar tal-lejl, u oħrajn.

Naturaliżmu, meta dawn in-nies, li qishom qegħdin maqbudin f'nassa li minnha m'hemmx ħruġ (id-destin), b'dik il-ħila li tagħtihielhom il-libertà tar-rieda, u b'analiżi intelliġenti tagħhom stess u tar-relazzjonijiet tagħhom ma' oħrajn, fl-aħħar isibu tarf.



- **Fid-dramm jidher li hemm rampa rustika u storika li tista' ġġegħelna niżolqu fin-niexef. Int kif taħsibha dwar dan?**

Dik ir-rampa kienet is-saħta tiegħi meta kont għadni tifel (imqareb) u missieri u ommi kienu jeħduni l-Buskett. Kont inħobb nitla' u ninżel magħha u żlaqt sew kemm-il darba, barra l-papoċċi u ż-żraben li ċarratt, u x-xebgħat (mistħoqqa) li dabbart!

Profetika għal kull żelqa li żlaqt f'ħajti?

Dik ir-rampa naraha sintomatika għall-aħħar, hi fejn hi qiegħda fil-qalbanett tal-Buskett ta' l-Imnarja. X'ma żelqux fin-niexef ġenerazzjonijiet sħaħ ta' Maltin fl-Imnarja u drabi oħra fl-istorja tagħna? Imma kemm oħrajn daħlu għaliha u ma żelqux, Alla jberikhom!

Rustika bħall-qalba stess ta' Malta. Rampa – tilgħin u neżlin, bil-periklu ta' xi żelqa, Marjo, li bil-familja tiegħu jidher li kien tbiegħed sew mill-egħruq tradizzjonali, żelaq. Roża, bl-għarfien u l-għaqal tagħha mdakkar kif jixraq mill-eredità u l-ambjent, ma żelqitx. Ġakbu u l-kumpanija qagħdu attenti li ma jiżolqux, għax dik ir-"rampa" ta' tlajja' u nżul storiku u nattiv jafuha sew. Jekk kultant ikunu se jiżolqu x'aktarx li l-ħtija tkun tal-Professur għax il-miżien tiegħu ta' eredità nazzjonali u ambjent Malti kien beda jmil wisq lejn naħa waħda.

Ir-rampa daħlet fit-Tielet Att għax, wara l-analiżi u t-tfittix ta' l-ewwel żewġ Atti, issa kien wasal il-ħin tal-prova (cf. is-sellum ta' Ġakobb u t-taqbida tiegħu ma' l-anġlu).

- **Ġara illi, f'sens kronoloġiku, bħala awtur int l-ewwel "universalizzajt" it-temi tiegħek (eż. "Vaganzi tas-Sajf"; "Menz" fost oħrajn), imbagħad bdejt tersaq lejn temi essenzjalment Maltin. Normalment jiġri li mill-partikolari wieħed igħaddi għall-universali. Għax taħseb li ġara l-kuntrarju fil-kitba tiegħek?**

Dan kollu minnu. Xi ħadd kien kiteb li t-tip u t-tematika ta' teatru li jien użajt f'*Boulevard*, it-tieni dramm tiegħi għall-palk (1964), is-soltu jidher lejn it-tmiem u mhux kważi fil-bidu ta' karriera drammatika. Issemma wkoll li f'*Boulevard* qisni tajt ħjiel tat-temi kollha fundamentali tiegħi.

Barra li nixtieq ngħid li qabel l-ewwel dramm tiegħi għall-palk, *Vaganzi tas-Sajf* (1962) kont ġa ktibt għadd mhux ħażin ta' radjudrammi fis-snin Ħamsin – u għalhekk *Boulevard* ma ġiex kmieni wisq – ma nafx inwieġeb għala ġara hekk. Tgħid għax twelidt bil-maqlub (*breech-baby*)? Qbadtha minn denbha? Ma nafx.

Huwa minnu li qabel *Il-Ħadd fuq il-bejt, L-Imnarja Żmien il-Qtil*, eċċ., id-drammi tiegħi kienu tista' tgħid kollha jittrattaw il-bniedem universali f'ambjent universali. Imma kif kien kiteb xi ħadd: "*In fiction of serious intent, location takes second place to theme and ideas.*"

L eqreb li nista' nasal, Mario, għal tweġiba retta hi billi nirreferik għall-ewwel tweġiba tiegħi fejn semmejt il-klima soċjo-politika partikolari ta' dak iż-żmien. Madankollu kull m'għamilt kien li nkompli nesplora jew nanalizza l-bniedem, mhux biss kif jidher minn barra, imma bil-"*mysterious feelings*" li semma Brecht, iżda din id-darba mhux f'sitwazzjonijiet universali imma f'ambjent speċifiku, fl-ambjent Malti, li wara kollox m'hu xejn ħlief mikrokożmu ta' dak li jista' jiġri x'imkien ieħor, bid-differenza ta' enfasi speċjali fuq ċirkustanzi speċifiċi.

## PJAN GĦAL KOMPONIMENT

# ID-DROGI:

## Problema tagħna wkoll!

1. Il-problema tad-drogi minn dejjem kienet teżisti fid-dinja imma hawn Malta dan l-aħħar ħadet wisq.
2. Ta' l-anqas il-Maltin saru konxji tagħha u mhux jagħlqu għajnejhom għaliha bħan-nagħma. Sewwa qed jagħmel il-Gvern li jaġġorna l-liġijiet ta' Malta biex jinqered dan l-abbuż.
3. Il-problema tad-drogi f'Malta tant hi serja li dan l-aħħar ministru tal-Gvern stqarr fil-Parlament li pajjiżna sar wieħed "mill-istazzjonijiet" li jservu bħala ħolqa għat-traffikar tad-drogi.
4. X'inhi droga? Sustanza li tibdel l-istat ta' ġisimna u/jew ta' moħħna. Il-biċċa l-kbira tkun sintetika.
5. Sehem it-tabib inbidel mill-qiegħ f'dawn l-aħħar egħxieren ta' snin: qabel kellu jsib il-kawża tal-marda, filwaqt li llum inġennuh biex ifejjaq is-sintomu. It-tort huwa sew tat-tabib daqskemm tal-pazjent: it-tnejn saru bla sabar biex il-kura tiehu ż-żmien u l-proċess naturali tagħha.
6. L-abbuż tad-drogi żdied għax il-bniedem ma għadux jagħti kas ta' saħħtu. L-ewwel l-interessi soċjali tiegħu u mbagħad hu. Għalhekk mhux min imexxi d-drogi biss huwa ħati.
7. It-tobba stess m'humiex jagħrfu l-ħsara kbira li qed jagħmlu bir-riċetti tagħhom, anki meta jagħtu drogi ħfief: meta wieħed jeħodhom, anki jekk "mhux qawwija", xorta qed iġagħlu lill-ġisem *jibda* jiddependi fuqhom.
8. Bl-użu d-drogi jitilfu l-effett tagħhom. Eż. il-valjum ma jibqax tajjeb aktar wara erba' xhur.
9. In-nisa jieħdu drogi aktar mill-irġiel minħabba t-toqol tal-familja.
10. Il-bniedem tant tilef ir-rażan fuqu nnifsu li sar jieħu xi pilloli anki għal xi eżami jew it-test tal-karrozza. Il-ġisem għandu mezzi biżżejjed biex jaħseb ħalli jsib tarf ta' dawn it-tensjonijiet li jkollu jħabbat wiċċu magħhom. B'hekk qed jarmi xi wħud mill-potenzjalitajiet tiegħu.
11. Aħna stess hemm bżonn nibdew innaqqsu l-abbuż tad-drogi billi:
    - i. ma nieħdu xejn ħlief meta jkollna bżonnhom tabilħaqq;
    - ii. innaqqsu kemm nifilħu mill-kwantità;
    - iii. niħduhom għal żmien qasir;
    - iv. il-pilloli ta' l-irqad ma nibqgħux bżonnhom jekk qabel nidħlu fis-sodda ngħajju lil ġisimna, jekk ma norqdux wara nofsinhar, eċċ.
    - v. ma nżidux id-doża, ħlief bl-ordni tat-tabib;
    - vi. ma nsellfu u lanqas ma nissellfu mill-pilloli tagħna jew ta' l-oħrajn;
    - vii. mad-drogi qatt ma għandna nieħdu xi xorb alkoħoliku;
    - viii. qatt ma għandu jsir sewqan tul l-ewwel ġimagħtejn mill-anqas li wieħed ikun beda jieħu l-pilloli;
    - ix. qatt ma għandu wieħed jitlob lit-tabib biex joħroġlu r-riċetta darb'oħra.
12. Tajjeb li minn banda l-qrati qed ikunu ħorox ma' min qed jabbuża u li l-Gvern qed jaħseb għaċ-ċentru ta' ri-abilitazzjoni għal min jieħu d-drogi. Sa issa ċ-ċentru għadu ma sarx.
13. Kollu ta' xejn li ngergru kontra l-abbuż tad-drogi meta aħna stess għadna ma wasalniex biex naqtgħu dik il-pillola żejda ta' kuljum.

**ĠORĠ MIFSUD**



Ġużè Bonnici (1907 – 1940)

Ġ. Ellul Mercer (1897 – 1961)



# SOĊJO-REALISTI MADWAR ELLUL MERCER (3)

## ĠUŻÈ BONNICI

MIR-REĠISTRI PARROKKJALI tal-Knisja tal-Portu Salvu, fil-Belt Valletta, wieħed jara li Ġużè Bonnici, tabib, politiku u attivista favur il-kawża ta' l-Ilsien Malti fiż-żmien imqalleb ta' bejn iż-żewġ gwerer, twieled fl-14 ta' Awissu, 1907 u ngħata l-isem ta' Josephus Antonius.[1] Missieru, magħruf bħala Pawlu l-Għawdxi (Ta' Letizja), kien qasam minn Għawdex għal Malta u stinka sabiex, bl-għaraq ta' xbinu, sata' jtalla' lill-familja kbira li kellu bil-għaqal u b'ċerta kumdità.[2]

Ġużè Bonnici tilef lil ommu meta kien għad kellu sitt snin u din il-ġrajja nisslet fih melankonija li qatt ma nqala' minnha u li sabet diwi fi wħud mill-aħjar passaġġi letterarji li kiteb fir-rumanz tiegħu *Ħelsien* (1939).[3]

Ta' età żgħira ddaħħal fis-Seminarju ta' Għawdex biex jistudja għal qassis, iżda Bonnici ħass li s-sejħa tiegħu kienet banda oħra: fil-mediċina u fil-kotra kbira ta' Maltin mingħajr mezzi u mingħajr tagħlim, li kienu jgħixu f'għaks kbir, donnhom tlaleb. Is-sensittività tiegħu jixhidha kull min kien jafu. F'obitwarju li kiteb wara mewtu u li kien ippubblikat fit-*Times of Malta*, Ġużè Aquilina wera kif għal Bonnici, ix-xjenza kienet għodda biex tintlaħaq l-umanità li tbati:

> *(Bonnici was) keenly interested in science which he considered as the friend of the masses that need its enlightenment to overcome the bondage of ignorance, a democratic conception of science indeed . . .*[4]

Huwa f'dan id-dawl li wieħed irid jikkunsidra l-pubblikazzjonijiet eduko-xjentifiċi *It-Trobbija tat-Tfal* (1932) u *Il-Ċmiel ta' Ġisimna* (1939),[5] li Bonnici kiteb wara li laħaq tabib.

Fl-istess sena li fiha ggradwa (1931) Bonnici, li fl-Università kien waqqaf *L-Għaqda tal-Malti* flimkien ma' sieħbu Rużar Briffa (1906 – 1963), indaħal biex jikteb l-ewwel *Storja tal-Partit tal-Ħaddiema.*[6] Dan ix-xogħol, bi prefazzjoni tal-mexxej Pawlu Boffa (1890 – 1962) jiġbor fih il-manifest soċjo-politiku ta' Bonnici u ta' sħabu pijunieri tal-moviment tal-Laburiżmu Malti f'dawk is-snin ta' taqlib. Għalkemm Bonnici kien jaqra estensivament, u x-xogħlijiet ta' Marx u Lenin kien familjari sewwa magħhom,[7] l-essenza tal-programm politiku tiegħu għandha l-egħruq tagħha mnisslin fl-Evanġelu, amplifikat fl-enċiklika *Rerum Novarum* (1891) ta' Ljun XIII, li kienet ta' tnebbih kontinwu għall-ewwel Laburisti Maltin. Bonnici l-politiku wissa illi min ikasbar il-jeddijiet tal-kotra, imħollija fqira u injoranta, ikun qiegħed jikkommetti delitt li jitlob vendetta quddiem Alla; Bonnici fakkar f'vers ewlieni mill-Ittra ta' San Ġakbu tit-Testment il-Ġdid:

> *Hekk hu s-salarju tal-ħaddiem . . . li intom,sraqtu, igħajjat, u l-għajat tiegħu jidħol f'widnejn is-Sinjur ta' l-Eżerċiti.*[8]

### L-Impenn Soċjo-Letterarju

Bonnici kien bniedem ta' professjoni infurmat tajjeb; huwa qara l-aħjar xogħlijiet ta' awturi bħal Dostojevski u Tolstoj[9] li għagħluh jifhem il-lineamenti ta' karattri partikolari, li mbagħad sar magħruf għalihom bis-saħħa tas-sensiela ta' tipi minn *les bas fonds* tas-soċjetà li l-awtur ħoloq fin-novelli li beda jxandar fir-rivista *Il-Malti*, mill-1926 'il quddiem.[10] Awturi oħra li studja Bonnici kienu Hegel, Kant, Nietzsche u Shopenhauer,[11] filwaqt li xogħlijiet ta' wħud bħal Marx u Lenin poġġewh f'qagħda imbarazzanti fid-dawl taċ-ċensura li kien impona l-Gvern Kolonjali Ingliż bl-*Ordinanza dwar il-Propaganda Sedizzjuża* mgħoddija fl-1932.

Fl-1933, il-Gvern beda proċedimenti u fil-fatt ipproċessa lil għadd ta' Maltin, fosthom lill-politku-awtur u attur Ġużè Orlando (1896 – 1962), talli dawn kellhom fil-pussess tagħhom letteratura meqjusa bħala "sedizzjuża". Bonnici stqarr ma' sieħbu Ġużè Chetcuti li kien ser ikollu jaħraq uħud mill-kotba li kellu.[12]




Il-firma ta' Bonnici għal dokument ta' l-1929.



1930: Kartolina ta' Ġ. Bonnici mibgħuta minn Posillipo.



Pawlu Bonnici (*fin-nofs*) flimkien ma' ibnu Ġużè (*fuq il-lemin*).



Ritratt li Bonnici ħa, flimkien ma' sħabu tal-kors, hekk kif ħa l-lawrja ta' Tabib, fl-1931. Huwa jidher bil-wieqfa, it-tieni wieħed mil-lemin. Rużar Briffa jidher bil wieqfa, l ewwel wieħed mix-xellug.

Ir-residwi soċjo-filosofiċi, b'danakollu, laħqu xxettlu f'moħħ l-awtur, sakemm fl-1939, wara sensiela ta' stejjer qosra interessati f'karattri emarġinati, Ġużè Bonnici lesta xogħol importanti, *Ħelsien*, ippubblikat minnu stess fil-bidu ta' l-1940.[13] Dan ir-rumanz b'xorti ħażina, fil-letteratura lokali għadu ma ngħatax importanza. Fih it-twemmin soċjali ta' Bonnici huwa nterzjat ma' diversi passaġġi bijografiċi. Iżda huwa r-realiżmu qawwi fl-istil ta' xi Gorki, Gogol, Hugo u Zola, fost l-oħrajn li Bonnici kien qara bla heda, li *Ħelsien* jinteressa l-aktar f'dik li hija kitba letterarja li, għall-ewwel darba, bdiet tinvestiga l-qagħda soċjali ta' l-isprivileġġati Maltin, il-klassi tal-ħaddiema u tal-bdiewa użurpati minn mexxejja kolonjali u parassiti li nqdew bir-Reliġjon[14] biex il-poter tagħhom ma jintmessx.

Bħala tabib, Bonnici kien qiegħed jara b'għajnejh stess il-miżerji li ma jitwemmnux li fihom kienu jgħixu l-ħaddiema Maltin ta' żmienu: il-ħobż kien skars, it-tallaba kienu jiżegħdu t-toroq, it-trakoma u d-deni rqiq, flimkien mat-tuberkolożi, kienu qegħdin jagħmlu ħerba fost il-klassi tal-ħaddiema. Fuq kollox, it-trabi kienu qegħdin imutu b'ħeffa kbira, tant li f'ħarġa tal-*British Medical Journal*,[15] Dott. G. Arbour Stephens sostna li t-trabi Maltin kienu qegħdin imutu minħabba nuqqas ta' Vitamina B fid-dieta tagħhom. F'intervent li għamel Bonnici fl-istess rivista,[16] huwa fisser kif il-klassi tal-ħaddiema, minħabba li tħalliet fl-injoranza, kien qed ikollha familji b'medja ta' bejn 15 u 20 tarbija kull koppja. Dan, fil-fehma ta' Bonnici, kien ġej mill-fatt li l-kotra raħlija la kellha flus biex tiddeverti u lanqas ma kellha passatempi u għaldaqstant, kienet tipprattika s-sess mingħajr moderazzjoni, bil-konsegwenza ta' ħafna wlied li ma kellhiex biex tgħajjixhom.

### L-istruzzjoni tal-Ħaddiema

Bonnici kien jemmen li kien meħtieġ programm deċiżiv ta' azzjoni sabiex tinbeda f'Malta l-"mixja tal-kotra", xi ħaġa li kien ħeġġeġ għaliha wkoll Manwel Dimech (1860–1921), l-ispirtu rivoluzzjonarju li ħalla bosta eki warajh wara li miet eżiljat fl-Eġittu, fejn kienu tturufnawh l-aġenti imperjali biex ma jaqlax inkwiet f'Malta.

Il-programm ta' azzjoni ta' Bonnici ħaddan diversi proċessi: minn tixrid ta' letteratura xjentifika b'ilsien popolari għall-qadi tal-missjoni tiegħu ta' tabib mingħajr ħlas f'ħafna każi;[17] minn ħidma biex jinxtered l-ilsien lokali bħala mezz ta' identità kollettiva sa żjarat spissi fit-teatrini ta' l-irħula biex jifhem kif kienet qed tkun effettwata l-kotra tal-ħaddiema permezz ta' ġeneru li Bonnici kien jagħtih importanza kbira[18] u li, b'xorti ħażina, kien qed jintuża biss biex jaljena lill-mases b'ħafna sitwazzjonijiet farseski u vulgari.

Ix-xogħol letterarju ta' Bonnici huwa innu mqanqal f'isem ir-realtà għarwiena li kienet qed tinvadi l-kwartieri skwallidi tal-ħaddiema, ta' l-emarġinati, tal-foqra u l-morda, tal-bdiewa li jagħtu ruħhom lill-art u lil ġenshom biex imutu mirbuħin, mingħajr

> ... *ebda tama li tagħhom u ta' egħmilhom għad tibqa' xi tifkira ħlief xi ħarruba jew xi siġra oħra mikula bix-xemx u maħruqa bir-riħ.*[19]

**MARIO AZZOPARDI**

### NOTI:

1. Ark. Parr., Knisja ta' San Pawl Nawfragu, Valletta: *Lib. Matrim*, XVII, Fol. 284. Għal tagħrif dettaljat dwar il-ħajja ta' Ġużè Bonnici, *ara*, Eleonora Sammut, *Teżi* mressqa għall-Grad ta' Bacc. fl-Arti (*Hons.*), Univ. ta' Malta, 1974.
2. *Tagħrif* mill-familjari ta' Bonnici lill-awtur preżenti, Jannar, 1984.
3. *Tipografija Excelsior*, Valletta.
4. *Times of Malta*, 11.10.1940.
5. Ma' dawn it-titli huwa ġust li wieħed iżid l-*Obstetricia Illustrata* li Ġwann Mamo (1886–1941) ippubblika fil-*Universal Press*, il-Gżira, fl-1939.
6. Maħruġa mill-"Kummissjoni Propaganda" tal-Partit u stampata fit-*Tipografija ta' Ellul*, fil-Belt, 1931.
7. *Tagħrif* li Ġ. Chetcuti ta lill-awtur preżenti, 23.1.1985.
8. V, 4. *Ara*, *Storja*, *cit.*, p. 18.
9. *Tagħrif* ta' Leone Bonnici, hu Ġużè Bonnici, lill-awtur preżenti, Jannar, 1985.
10. Bejn Settembru, 1926 u Settembru 1929, Bonnici xandar fi *Il-Malti* sitt novelli, fosthom *Ġenn*, li ħabbret l-avvent tal-letteratura psikoloġika f'Malta.
11. *Tagħrif* bil-miktub lill-awtur preżenti minn Leo Bonnici, neputi ta' Ġużè Bonnici, Jannar, 1985.
12. Ġ. Chetcuti, *Tagħrif*, *cit.*
13. *Excelsior Press*, sensiela *Ġabra ta' Kitba Maltija* li Bonnici nnifsu kien nieda fl-1938 wara li talab għajnuna finanzjarja lill-Prof. P.P. Saydon. *Tagħrif* minn Ġ. Chetucti, *cit.*
14. *Storja*, *cit.*, p. 18.
15. 5.6.1937.
16. 26.6.1937. L-intervent ta' Bonnici kien riprodott ukoll fit-*Times of Malta*, 2.7.1937.
17. Ġ. Chetcuti, *Tagħrif*, *cit.*
18. *Ibid.*
19. *Ħelsien*, cit., Kap. I, p. 19.



Uħud mill-kittieba tal-Malti li, nhar it-30 ta' Awissu, 1938, iltaqgħu fl-"Osborne Hotel". Bonnici jidher bil-wieqfa fl-aħħar ringiela, il-ħames wieħed mix-xellug.



Azzopardi: 1951 1966 1971

# Ġorġ Mifsud jintervista lil MARIO AZZOPARDI

**Kif bdejt tinteressa ruħek fil-letteratura?**

Aktarx illi kellhom effett fuqi l-istejjer gotiċi u rumanzi storiċi li kienu jinqraw ta' kull filgħaxija d-dar ta' nannti, fil-Ħamrun, fejn trabbejt jien. Lili kienu jħalluni naqra wkoll. Dawk l-istejjer xegħluli l-fantasija, flimkien mas-superstizzjoni li kienet teżisti fid-dar tan-nanna. Naħseb illi l-liturġija u l-ikonografija nisranija swew ukoll biex jinħoloq, aktar tard, l-effett drammatiku fil-poeżija tiegħi.

Kont inħossni milqut ħafna mill-"vjolenza" ta' l-istatwar kattoliku, kif ukoll mill-ġest tar-ritwal: demm, pjagi, xewk, imsiemer, purċissjonijiet b'nies imgħammdin jerfgħu s-slaleb ta' l-injam u ktajjen marbutin ma' l-egħkiesi, fost oħrajn. Dan ħalla marki li ma jitħassrux fis-subkonxju tiegħi, u jien niftakar li kont tifel li nimpressjona ruħi ħafna.

**Kien hemm xi letteratura oħra li taħseb li influwenzatek?**

Fl-adolexxenza tiegħi nħolqot l-ewwel kriżi reliġjuża fija minħabba l-kotba. Dak iż-żmien, meta kelli madwar sittax-il sena, kont issellift kotba ta' Thomas Mann, Dostojevski, James Joyce u Oscar Wilde (il-ktieb tiegħu *The Picture of Doiran Gray* kien ħalla effett qawwi fuqi, l-istess kif ġrali b'*Ulysses* ta' Joyce). Kelli għażla diffiċli u trawmatika x'nagħmel: jew inwarrab dawk il-kotba, li kienu indikati mill-Knisja bħala ipprojbiti, jew inkella nieħu r-riskju tal-kriżi spiritwali, li kompliet kibret fija minħabba t-trobbija reliġjuża riġida li tawni fi ċkuniti. Jien għażilt li naqra dawk il-kotba, u ntbaht x'potenzjal liberu għandu l-bniedem għatxan għall-għerf u s-sejbien tiegħu nnifsu.

**Imbagħad x'tiftakar li bdejt taqra aktar?**

Dejjem bqajt naqra ħafna, mhux biss letteratura, iżda mitoloġija, testi ta' l-okkult, psikoloġija, soċjoloġija, teoloġija, trattati filosofiċi, kritika dwar l-arti viżiva, bijografiji, testi klassiċi (fil-fatt kont bdejt kors ta' filgħaxija fl-Università fl-1976 u tlaqtu għax ridt li l-klassiċi jkolli żmien naħdimhom fuq il-palk bħala reġista u mhux nistudjahom b'mod akkademiku biss). Imbagħad qrajt ħafna xogħlijiet teatrali. Ħabbejt ħafna lil Gorki, lil Ibsen u lil Lorca, drammaturgi li lkoll irnexxieli naħdem ix-xogħol tagħhom bil-Malti u li tawni skop usa' biex nifhem kif tbati l-umanità.

Fil-bidu tas-snin Sebgħin skoprejt lil Herman Hesse u aktar tard, lil Bashevis Singer u lil Garcia Marquez, it-tnejn rebbieħa reċenti tal-premju Nobel. Jogħġbuni wkoll l-awturi tat-Tielet Dinja u nixtieq li f'Malta konna nafu wisq u wisq aktar b'kittieba bħal Chinua Achebe, Aimé Cesaire jew Wole Soyinka. Dawn ukoll ħassewhom iċċungati mill-kolonjaliżmu u m'hemmx għalfejn ngħidu kif il-ħakmiet barranin ipparaliz-zawlna l-kuxjenza tagħna.

**Hemm kritiċi li raw ħafna immaġini pittoriċi fil-poeżiji tiegħek.**

Dan ma jistax jonqos għax il-pittura interessatni mill-qrib. Infatti jien xtaqt insir pittur, iżda l-qagħda finanzjarja tal-familja tiegħi dan ma ppermettitux; anki biex nixtri stoċċ żebgħa taż-żejt kien diffiċli dak iż-żmien. Għallinqas irnexxieli nispeċjalizza bħala għalliem ta' l-Arti u mbagħad tad-Drama. It-teatru wkoll kien attività li interessatni minn mindu kont tfal. Forsi ġbidt xi ħaġa min-naħa ta' missieri li kien jirrexta u jkanta fit-teatrin li kien jintrama fl-Imsida wara l-Għajn tal-Ħasselin u li fih kienu jirrextaw ukoll uħud bħal Ellul Mercer u Ġużè Orlando.

**Inti ġieli ħdimt fuq il-palk?**

Sakemm kelli madwar 19-il sena kont attiv ħafna ma' l-Azzjoni Kattolika tal-Ħamrun; kont organizzajt il-palk u waqqaft kumpanija teatrali żgħira. Ġieli rrextajt, iżda aktar kienet tinteressani l-kitba u d-direzzjoni.

**X'kontu taħdmu dak iż-żmien?**

Affarijiet żgħar; atti satiriċi jew addattamenti realistiċi minn awturi bħal Hugo. Iżda kien hemm ħafna talent.

**Il-kritiċi osservaw ukoll distinzjoni bejn l-ewwel poeżiji tiegħek u dawk tat-tieni fażi, biex insejħulha hekk. Inti taraha din id-distinzjoni?**

Naħseb li teżisti; fejn hi sewwasew il-linja ta' demarkazzjoni huwa diskutibbli, iżda ċertament li hemm proċess ippronunzjat bejn, ngħidu aħna, it-ton ribelli u polemiku ta' *Antenni (1968)* jew *Analizi '70* (1970) u antoloġiji oħra li ġew wara, bħal *Dwal fil-Persjani* (1972).

**Infatti naħseb li anki l-ismijiet stess ta' l-antoloġiji juru dan il-proċess, din il-bidla.**

Naħseb li hekk hu: bejn *Mas-Sejħa tat-Tnabar* (1971) u *Tabernakli* (1979) hemm differenzi sostanzjali kemm tematiċi kif ukoll stilistiċi.

**Meta titkellem dwar ir-ribeljoni fil-poeżiji tiegħek ma tistax ma tiftakarx dwar il-mod li bih int u sħabek opponejtu l-poetika Dunkarmjana. Tista' tgħidilna xi ħaġa dwar dan?**

Qabel xejn kien hemm punt ta' tluq strateġiku: il-poeti tal-*Moviment* (imwaqqaf fl-1967) riedu jinqatgħu konxjament mil-letteratura reazzjonarja li sibna bħala wirt; aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, aktar beda jidher illi l-poetika Dunkarmjana kienet waħda ta' illużjoni romantika, maqtugħa mir-realtà tal-poplu kolonjalizzat, bil-miżerji materjali u intellettwali tiegħu. Il-polemika għadha sejra sa llum; għalkemm it-ton inbidel: sar inqas emottiv u ħa bixra aktar "akkademika".

Illum il-ġurnata, ċerti taqsimiet ta' l-istampa qegħdin jaraw illi l-*Moviment* tas-snin Sittin ma kienx impenjat biżżejjed b'realtajiet politiċi. Dejjem tibqa' teżisti l-problema essenzjali tad-dikotomija li hemm bejn il-poeta pubbliku u l-poeta privat. M'hemmx dubju, b'danakollu, illi qatt daqs is-snin Sittin u daqs l-ewwel sentejn jew tlieta tas-snin Sebgħin ma kien hemm awturi Maltin li tħalltu daqstant mal-poplu fuq iz-znieter, fil-knejjes, fil-katakombi, fil-pjazez, fix-xtut, fl-egħlieqi, fuq il-baħar, fir-restoranti u fil-lukandi.



Erwieħ li kellhom l-ewwel influwenza fuq il-poeta: Dostojevski, James Joyce u Wilde.

**Biex nerġgħu niġu għal *Tabernakli*, inti x'taħseb li wassal għall-bidla tiegħek fit-tema u fl-istil?**

Mhux faċli tgħid b'mod deċiżiv; diġà kien hemm xi mumenti liriċi fl-antoloġija *Dwal fil-Persjani*, u, jekk wieħed jifli bir-reqqa, imqar f'*Antenni*, li jiġbor fih l-ewwel tentattivi tiegħi mibdijin meta kien għad għandi inqas minn għoxrin sena. Hemm l-esperjenza tas-safar estensiv (jien ivvjaġġajt ħafna waħdi – romantikament inħobb nara lili nnifsi bħala vagabond spiritwali). Is-safar għenni ħafna biex insib lili nnifsi, l-aktar minħabba li kont niġġerra ma' l-Ewropa kollha b'barżakka fuq spallejja, miexi għal għonq it-triq, mingħajr destinazzjoni fissa. Jidher illi dawn l-esperjenzi immarkaw ruħhom sewwa f'*Tabernakli* għax diversi kritiċi osservaw il-mottiv tal-vjaġġ f'din l-antoloġija.

**Ta' min jikkunsidra illi f'*Tabernakli* hemm ukoll l-element orjentali.**

Kien hemm esperjenza partikolari (din isemmiha b'ċertu dettall Friggieri fid-daħla tal-ktieb) dwar gruppi ta' orjentalisti li kont niltaqa' magħhom fil-bliet ta' l-Ewropa. Kont inħossni miġbud lejhom, imqar minħabba l-interess li kelli fil-fażi Buddista ta' John Lennon, kantawtur li dejjem ammirajt. Fil-Ġermanja qrobt lejhom sew u għext magħhom għal xi jiem. Nisslu fija ċerta kalma u ridt inkun naf aktar dwar l-iskrittura orjentali.

Aktar ma bdejt infittex fil-fond, aktar bdejt nifhem li sata' jeżisti xi xebh bejn il-filosofija Buddista u dik ta' l-għorrief Insara. Biex nagħti eżempju: hemm diversi punti ta' qbil bejn Samkara u San Tumas. Hemm irbit sostanzjali bejn l-idea tal-*Brahman* (l-Assolut) u d-Divin (Alla). Hemm korrispondenzi bejn l-idea ta' Alla bħala l-Assolut, mingħajr duwalità, mingħajr kompożizzjoni jew forma. Iż-żewġ reliġjonijiet (Buddista u Nisranija) isostnu li Alla la għandu sustanza u lanqas eżistenza, għax m'hemm xejn li jista' jillimitah. Alla huwa biss intelliġenza pura, u kull ħaġa maħluqa teżisti fl-intelliġenza ta' Alla.

**F'Azzopardi l-Mara hija preżenti kontinwament fl-ambivalenza kollha tagħha.**







**Azzopardi reġista: xogħlijiet ta' Ibsen (fuq) u Lorca (taħt).**

Skond il-filosofija pura Kattolika, id-destin finali tal-bniedem huwa li jagħraf lilu nnifsu fl-"Idea" ta' Alla, "idea" li bis-saħħa tagħha l-bniedem igħix għal dejjem fil-moħħ Divin. Bil-mod "reliġjuż" tiegħi, jien ossessjonat bl-idea tad-divinità, bl-intelliġenza divina: u fhimt ukoll illi r-"reliġjon" f'Malta dejjem kienet propagata mhux fuq livell filosofiku jew essenzjali, iżda fuq livell mill-aktar profanatorju u korrott. Huwa ċert illi *Tabernakli* jkompli jitbiegħed minn din l-espożizzjoni qarrieqa tal-komponent reliġjuż fil-ħajja tal-bniedem.

**Aspett ieħor mill-aktar importanti f'*Tabernakli* huwa dak tal-Femminilità. Xi tfisser il-Femminilità għalik?**

Din mistoqsija vasta daqs il-poeżija nnifisha. Il-Femminilità tiġbidni l-aktar minħabba s-saffi misterjużi tagħha; hija kuxjenza li ġo fija ma torqod qatt u, fil-verità, tħallini mingħajr sabar biex niskopri veritajiet ġodda dwar Il-Mara, bl-enimmi kollha tagħha, bil-fraġilità u bil-poter maġiku li jaħdmu fiha (u fuqi) fl-istess waqt. Bdejt inħossni miġbud mit-teoriji Jungjani dwar il-Mara bħala l-*Anima*, il-leħen ta' l-arti; ukoll mit-teoriji orjentali tal-*Yin* u l-*Yang*, il-qawwiet sessisti li jekwilibraw l-univers.

Jista' jkun li dawn l-influwenzi ġabuni konxju ta' l-idea ċentrali tal-Mara bħala essenza reliġjuża. Irrid ngħid ukoll li jien trabbejt ma' nisa frustrati li ddominawni: ħabbewni kif jafu huma, b'mod possessiv; tant illi, aktar ma bdejt nikber, aktar bdejt inqishom bħala ambaxxattriċi puritaniċi jesegwixxu s-sentenzi ta' Alla-Tirann. Forsi l-viżjoni "spiritwalizzata" li donni rrid noħloq tal-Femminilità hija provokata mill-kumbattimenti tiegħi kontra femminilità deformata, li dehret fil-kruha grotteska tagħha f'*Dcmgħat tas-Silg* fl-1976.

**F'dan is-sens il-Mara tista' tkun romantiċizzata?**

Forsi fis-sens Dantesk dwar Beatrice, jew tad-*dolce stil nuovo* – jista' jkun. Iżda aktar naħseb fil-preżenza Femminili bħala l-arċitip ambivalenti; naħseb illi fija, il-kunċett Femminili jaħdem bħala dinamika psikoloġika interna.

Nerġa' ngħid li din hija pożizzjoni qadima għallinqas daqs Jung, li kien diġà tkellem dwar il-Mara bħala pulsjoni kreattiva.

Fil-fehma ta' psikoloġi Jungjani bħal Erich Neumann, biex tkun kreattiv trid teħodha kontra kunċetti pri-stabbiliti, trid taċċetta l kontradizzjoni. M'hemmx dubbju li, f'dan is-sens, in-nisa li ddominaw tfuliti jikkuntrastaw immensament mal-viżjoni Femminili liberatorja li ssostni 'l-poeżija tiegħi minn żmien għal ieħor.

# IL-QAGĦDA TAL-PALK MALTI FL-1962



V.M. Pellegrini

NHAR IL-11 TA' MEJJU, 1962 kien instema' *Argument tal-Ġurnata* fuq ir-*Rediffusion* (illum *Xandir Malta*). F'dak il-programm kienet saret diskussjoni dwar il-qagħda tal-Palk hawn Malta, diskussjoni li qajmet interess ġenerali. Is-sinjuri li ħadu sehem kienu: Patri H. Born, O.P., is-Sur Ġużè Diacono, L.P., in-Nutar V.M. Pellegrini, LL.D., u s-Sur Francis Ebejer. Id-diskussjoni kienet immexxija mill-Professur Ġużè Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D.

Minn dak iż-żmien 'il hawn għaddew tlieta u għoxrin sena li fihom, fost ħwejjeġ oħra, rajna tinfetaħ Skola jew Akkademja ta' l-Arti Drammatika fil-lokal ħdejn it-Teatru Manoel – ħaġa li kienet issemmiet bħala x-xewqa ta' bosta mhux biss tul id-diskussjoni imma wkoll fl-editorjal ta' l-ewwel – u l-uniku – għadd tar-rivista DRAMA (p. 24 –32) li jiena u l-ħabib tiegħi C. Micallef ħriġna fl-1963.

F'dik il-ħarġa kienet dehret l-ewwel biċċa tad-diskussjoni li semmejna – kif kienet ġiet irrekordjata u traskritta. B'xorti ħażina, il-kumplament baqa' ma deher qatt għax ir-rivista ma komplietx toħroġ. Għalhekk jaqbel li t-traskrizzjoni ta' dak l-Argument tal-Ġurnata tinġieb hawnhekk sħiħa, l-ewwelnett biex il-qarrejja ta' llum jistgħu jaraw kif kienu jaħsbuha dwar il-Palk Malti sinjuri ta' esperjenza li fortunatament għadhom magħna u attivi sa llum, u t-tieni biex wieħed jagħraf aħjar fejn, safejn u jekk sarx il-progress mistenni tul is-snin li għaddew mill 1962 'il hawn.

**ĠUŻÈ CASSAR PULLICINO**



Ġużè Diacono



H. Born



F. Ebejer

*CHAIRMAN* Is-suġġett magħżul għal-lejla huwa suġġett tassew interessanti għaliex il-poplu Malti ta' kull klassi minn dejjem ħabb it-teatru, minn dejjem ħabb il-palk. Intom tafu, qrajtu ħafna minnkom fil-gazzetti, li nhar it-Tnejn li għadda saret daqsxejn ta' ċerimonja fit-*Teatru Manoel* fejn ingħataw il-premjijiet lil dawk li daħlu għall-kompetizzjoni għall-aħjar dramm bil-Malti mnidija mill-Kumitat għat-Tmexxija tat-*Teatru Manoel*, u kif taraw 'il quddiem għandna magħna xi wħud minnhom li daħlu għal din il-kompetizzjoni. Jiena ma rridx intawwal ħafna biex nintroduċi s-suġġett tal-lejla fuq dan l-argument ta' interess nazzjonali. L-ebda poplu ċivilizzat ma jista' jgħaddi mingħajr teatru nazzjonali u jekk hawn prova ta' dan huwa l-fatt li l-pajjiżi ċivilizzati kollha għandhom it-teatru u l-palk tagħhom nazzjonali.

Issa ser nagħmlilkom mistoqsija li ser tintroduċi s-suġġett u t-tweġiba trid tkun mill-aktar qasira. Qabel nidħlu fil-qalba tas-suġġett, intom x'jidhrilkom mill-qagħda tal-palk hawn Malta?

BORN Il-palk Malti nħoss li huwa marid, però mhux bil-marda tal-mewt, iżda b'marda li minnha jista' jfiq.

DIACONO Jiena jidhirli illi l palk Malti, kif narawh fil-gosti tal-kumpaniji ewlenin, fl-apprezzament u l-edukazzjoni drammatika tal-pubbliku u speċjalment fiċ-ċensura, għadu mill-anqas għoxrin sena lura.

PELLEGRINI Jiena nħoss li dwar il-palk Malti hemm żewġ aspetti. Irridu nħarsu lejn l-aspett f'dak li huwa popolari u l-aspett ta' dak li huwa teatru letterarju. U dana għadna qegħdin fil-bidu tiegħu.

EBEJER Nimxi pass 'il quddiem minn dak li qal in-Nutar Pellegrini u ngħid li bħala teatru popolari kellna ħafna, għandna tradizzjoni mhux ħażin hawn Malta, u nerġa' nagħmel "echo" għas-Sur Diacono li qegħdin għoxrin sena lura u hemm bżonn li n-nies, il-poplu jiġi edukat fil-*modern idiom* tat-teatru.

*CHAIRMAN* Minn dawn l-erba' tweġibiet illi tajtu taqblu f'ħaġa waħda. Taqblu fis-sostanza, taqblu fil-fatt illi wkoll jekk hawn ħafna tajjeb x'jingħad favur it-teatru hemm ukoll ħafna x'jingħad biex it-teatru Malti, il-palk Malti jsir aħjar milli hu. Huwa sewwa sew fuq dan il-punt illi issa rridu nibqgħu biex il-kritika tagħna tkun kostruttiva, biex bil-kritika tagħna għal dawk li jinteressaw ruħhom toħroġ xi ħaġa, ideal li jieħdu ħsiebha dawk li jistgħu jmexxu l-palk Malti. Patri Born, inti għidt kelma tajba ħafna, għidtilna li t-teatru huwa marid. Jiena ser nagħmillek bħat-tabib u ngħidlek x'inhija l-marda fl-opinjoni tiegħek? U x'inhi l-mediċina? Għandek xi duwa f'idejk?

BORN Il-marda għanda erba' kawżi. Hemm il-ħtija ta' l-atturi tal-palk; hemm il-marda ta' min jikteb għall-palk; hemm il-marda tal-pubbliku illi jmur jara t-teatru; u hemm il-marda ta' min hu responsabbli li missu jmexxi t-teatru 'l quddiem u m'hux imexxih. Jiġifieri biex nagħmel djanjosi jiena qed insemmi erba' mardiet. L-atturi m'humiex qed jieħdu l-parti bis-serjetà li għandhom jeħduha, m'humiex mgħallmin biżżejjed u ma jistudjawx biżżejjed forsi lanqas għandhom żmien. Il-pubbliku għadu ma jafx iġib ruħu u ma

jafx japprezza u jara s-sabiħ. Xi mindaqqiet imur it-teatru aktar qisu mar f'xatt il-baħar biex jiekol biċċa ħobż, f'ċerti postijiet speċjalment, ma rridx ngħid fl-aqwa teatri, imma f'ħafna mit-teatri li għandna f'Malta. L-atturi m'għandhomx inċentiv, nifhimha, imma lanqas xi wħud minnhom ma jieħdu l-istudju bis-serjetà kif għandhom jieħdu biex jelevaw ix-xogħol u l-palk; u l-awtorità, hi min hi, bla ma nsemmu lil ħadd, aħna hawn Malta ninsabu fil-qagħda kerha illi ma kellna qatt min igħinna u min imexxina u min joħloq konkorsi, bħalma nħoloq issa, għax dina kienet vera x-xemx fost Jannar, dan il-konkors li kellna. M'għandniex għajnuniet mill-Gvern, insomma. Il-marda hija din u biex ifiq mill-istess marda kulħadd jista' jifhem x'għandu bżonn isir għaliex semmejt x'inhija l-marda u x'qed jonqos. Naħsbu għalihom, noħolqulhom xi ħaġa li tista' toħroġhom minn dan il-gandott li waqgħu fih u l-marda tmur.

## Il-Kumitat tal-Manoel u l-Kumpaniji

*CHAIRMAN* Patri Born qal illi sa issa l-kompetizzjoni illi xandar il-kumitat għat-tmexxija tat-Teatru Manoel kienet ħaġa eċċezzjonali. Dan huwa fis-sustanza. Issa, dak in-nhar taċ-ċeremonja, u dal-punt nixtieqkom tiddiskutuh għax huwa punt mill-argument tal-lejla, intqal illi hija l-*policy* tal-kumitat illi jxandar kompetizzjoni kull sentejn. Jiena ħadt gost ħafna, l-iżjed bil-Ministru tal-Edukazzjoni li meta wieġeb qal "Forsi jkun iżjed viċin minn sentejn". Nutar Pellegrini, x'inhi l-opinjoni tiegħek?

PELLEGRINI Aħna, il-*management* tat-*Teatru Manoel* fuq dana l-konkors kellna qalbna marbuta ħafna miegħu għaliex ħassejna proprju l-ħtieġa meta bdejna bix-xogħol tat-teatru illi meta nistiednu kumpanija biex tiġi tieħu sehem fit-teatru mhux tiġina bi *play* li għażlitha hi; ħafna drabi jkunu traduzzjonijiet mill-agħar ta' *plays* ta' barra, u jgħidulna "Għandna din, *take it or leave it.*" Għamilna l-konkors appuntu biex nistiednu l-aħjar skritturi Maltin illi jkunu jistgħu jagħtuna l-aħjar xogħol tagħhom u minnhom, imbagħad, aħna nkunu nistgħu nqassmu lil dawk il-kumpaniji ewlenin dawna l-*plays* illi jkunu ġew rebbieħa u anki l-oħrajn li ma jkunux ġew, jekk ikollhom xi valur intrinsiku tagħhom. U din hija, skond il-fehma personali tiegħi, waħda mill-mardiet l-aktar serji, kif qal Father Born, tal-palk, illi tara kumpaniji ħafna drabi jintilfu f'xogħlijiet li nkunu diġà rajniehom, jew fil-films jew fil-kotba, mingħajr ma naghtu qatt xi ħaġa oriġinali li hija assolutament tagħna. Il-konkors kien suċċess il-għaliex kellna erbatax-il *play*. Minn dawn l-erbatax-il *play* sintendi



**F'isem iċ-ċensura l-massa tal-Maltin tħalliet sajma minn kultura ta' impenn.**

hemm it-tajbin u hemm il-ħżiena imma l-iskop, indipendentement minn kollox, kien proprju li l-kumpaniji Maltin li nixtiequ narawhom magħqudin flimkien inkella f'kumpanija waħda kif 'il quddiem forsi bniedem jirnexxilu jagħmel, ikollhom il-materjal li jistgħu jaħdmu bih. Din hija waħda mill-mediċini li rridu nagħtu biex infejqu din il-marda.

*CHAIRMAN* Inti, Sur Ebejer, bħala l-kompetitur li ħadt l-ewwel premju tħoss li l-qagħda tal-palk Malti llum tagħtik gost u ġġegħlek tikteb għall-futur?

EBEJER Is-sitwazzjoni mhix iddisprata sa l-aħħar; kif qal Father Born, marida imma b'marda li tista' titfejjaq. Imma nibża' li għad hemm ċerti elementi li jiġbdu għalihom wisq. Per eżempju, napprezza l-pożizzjoni tal-kumpanija li wara li jkunu ħadmu snin sħaħ u ħarġu l-flus u għamlu minn kollox u stinkaw biex jibnu l-kumpanija tagħhom ma jħossux ruħhom li għandhom jitħalltu jew jiġu dettati għal dak li għandhom jagħmlu. Biss din hija problema nazzjonali. Allura jinħtieġ li l-kumpaniji jsibu *rapprochement* bejniethom li jaqblu flimkien għall-ġid tat-teatru Malti *as a whole*, li fih tidħol ukoll l-edukazzjoni tal-poplu, għax nibża' li s'issa l-poplu, it-*theatre-going public* ma jridx iħabbel moħħu; nammetti li t-teatru qiegħed hemm għad-divertiment, imma dak id-divertiment li ngħidulu tal-moħħ, id-divertiment intellettwali u mhux daqshekk emozzjonali, ma jeżistix. Iridu jmorru hemmhekk u tagħtihom kollox bl-imgħarfa, li l-messaġġ jiġi ċar minn fuq il-palk u jifhmuh sewwa; li jmorru d-dar u jinsewh l-għada. Aħna għandna bżonn *plays* li jqanqlu l-intellett u l-kuxjenza ta' min imur jarahom, qabel ma jsir dan irid ikun hemm l-edukazzjoni tal-poplu fl-iskejjel, fl-università, u billi ssir iżjed kitba tat-teatru, kif ukoll qari iżjed ta' ħidma li qiegħda ssir fil-kontinent u fil-pajjiżi l-oħra tad-dinja.

## Iċ-Ċensura

*CHAIRMAN* Sur Diacono, inti semmejt xi difetti li fil-fehma tiegħek ifixklu l-iżvilupp tal-palk Malti, u semmejt mingħajr ma fissirt ruħek ċar biżżejjed iċ-ċensura. Jiena se nagħmillek mistoqsija speċifika. Inti tħoss illi bil-kriterji taċ-ċensura tal-palk Malti qiegħda tgħin biex it-teatru jimxi 'l quddiem jew inkella qed iżżommu fejn hu jew, agħar, tieħdu lura?

DIACONO Jiena nħoss li l-kriterji m'humiex sodisfaċenti; anzi jkolli ngħid li fil-fehma tiegħi l-bord taċ-ċensura kif inhu llum ma jafux u ma japprezzawx illi t-teatru llum ma għadux li kien, it-teatru ta' l-ingwanti ta' erbgħin sena ilu. It-teatru llum huwa l-ħajja, u ċensur hemm bżonn ikun jaf x'inhu jsir fit-teatru attwalment illum, fit-teatru kontemporaneu, biex ikun jista' jikkritika u jiċċensura t-teatru tagħna. Iċ-ċensura qed iżżommna lura. Hemm bżonn illi jkun hemm fil-bord taċ-ċensura nies li japprezzaw il-letteratura, speċjalment il-letteratura drammatika u anki l-Malti. Il-Gvern jonqos meta jagħmel bord taċ-ċensura, jagħmel ċensuri illi jonqsu minn dan, li m'għandhomx, li ma jafux japprezzaw il-Malti u ma jafux x'inhu teatru. Il-Gvern meta jagħmel bord taċ-ċensura mhux favuri għandu jagħmel imma jsib nies kapaċi biex igħinu u mhux ifixklu l-palk Malti. Iċ-ċensura jagħmluha, il-morali jissalvagwardawha, dan huwa importanti, essenzjali; iżda l-palk Malti mhux iżżommu lura trid, imma tgħinu.

*CHAIRMAN* Is-Sur Francis Ebejer jitkellem fuq iċ-ċensura?

EBEJER Iva, għandi punt żgħir. Iċ-ċensura nara illi teffettwa linji individwali u ħsibijiet individwali fid-dramm u ma toqgħodx tosserva biżżejjed x'parti integrali għandhom fid-dramm kollu. Dawk li ngħidulhom bl-Ingliż *Blue pencil happy* għandhom dak il-*blue pencil* f'idejhom u jgħidulek, "Din, din, din, iddoqq ħażin; aqtagħha barra" u xi daqqiet iħassarlek it-tema sħiħa.

•ikompli wara



**Xena mid-dramm realistiku *Salib Ħaddieħor* ta' Ġ. Diacono, b'reġija ta' M. Azzopardi għal T.V. Malta (1970).**



**Brecht, Ionesco, Wesker: nuqqas ta' teatru intellettwali.**

**Il-Pubbliku Malti**

*CHAIRMAN* Issa s-Sur Francis Ebejer, fil-kritika kostruttiva li għamel, għamel kumment li mhux ta' min iħallih jaħrab għax mhux inqas importanti. Qal li wieħed mid-difetti li hawn għall-progress tal-palk Malti huwa, kif naqbad ngħid, insuffiċjenza intellettwali ta' l-udjenza Maltija. Jekk ma ttihiex storja bl-imgħarfa b'ħafna dmugħ u storja li ma fihiex komplikazzjonijiet intellettwali, la l-kumpaniji u lanqas l-udjenza ma jieħdu gost jaraw u jagħmluh id-dramm. Inti għandek xi tgħid fuq dan il-punt, Sur Diacono?

DIACONO Huwa veru; biss, irrid ngħid li biex inkunu *fair* mal-pubbliku Malti, il-kumpaniji tagħna għadhom ma ttrattawhx ta' pubbliku intellettwali. Bħala regola, il-kumpaniji tagħna jippreżentaw traduzzjonijiet, għax *play* Maltija rari jagħtuha, traduzzjonijiet ta' *plays* Taljani ta' nofs kedda, *plays* kollha melodrama u emozzjonali jew *plays* kummerċjali Ingliżi. *Play* ta' standard rari, dan l-aħħar kellna eċċezzjoni, il-*Maleth* ippreżentat bil-Malti *The Barretts of Wimpole Street* imma r-regola għall-kumpaniji hija *plays* Taljani ta' gosti dekadenti u *plays* Ingliżi kummerċjali. Allura l-poplu ma għandux tort sa barra. Aħna ma nafux il-poplu tagħna kif jirreaġixxi għal *play* verament tajba intellettwali jew realistika. Dak għad irridu narawh. Punt ieħor fuq li qal is-Sur Ebejer li nixtieq inqajmu huwa biex nedukaw il-poplu hemm bżonn li nap-profittaw ruħna mit-teatru Manoel u noħolqu *Theatre Club*, fejn ikun hemm il-membri hemmhekk li jistgħu jkollhom it-tagħlim fit-teatru, u taħriġ permezz ta' *lectures*, mhux biss fit-teatru u fl-istorja tiegħu imma anki fl-arti tal-palk, fl-*acting* u xeni u *furniture* tal-palk u dwal u x'naf jien, f'xenografija; hemm bżonn dan It-*Theatre Club*, imbagħad il-pubbliku jieħu interess fit-teatru u jibda wkoll jiġi iktar u iktar biex jara l-*plays* u, nispera, ta' awturi Maltin.

PELLEGRINI Dwar dak li qal is-Sur Diacono, dan aħna effettivament qegħdin nagħmluh u diġà nkarigajna persuna li beħsiebha ssejjaħ membri biex tgħaqqad dan it-tim Malti.

*CHIARMAN* Dan importanti bħala tagħrif. Imma l-punt illi qajjimt jien minn dak li qal is-Sur Francis Ebejer huwa dwar il-mentalità tal-poplu Malti. Inti taqbel ma' dak li qal is-Sur Diacono?

PELLEGRINI Naqbel ħafna, però rridu nimxu ftit bil-mod, ma jistax ikun poplu sajjem ittih mill-ewwel is-sustanza kollha f'salt. Aħna fis-sentejn li ilna l-*Manoel* għandi l-unur ngħid li rnexxielna nagħmlu lill-*patrons* tagħna ftit u tajjeb l-għaliex kważi l-maġġoranza tagħhom huma dawk li qatt ma ġew jisimgħu *plays* bil-Malti, u aħna għalkemm ħafna drabi jkollna teatru nofsu vojt, biss b'danakollu sodisfatti xorta waħda l-għaliex qed ikun hemm nies illi gradatament kif huma jitkellmu ma' ħaddieħor qegħdin ikabbru dejjem in-numru ta' dawk li qegħdin jiġu.

**"Repertory Company"[1]**

*CHAIRMAN:* Hemm punt ieħor li ta' min jitħaddtu għax importanti. Hawn min igħid illi bħalissa l-kumpaniji bħal qegħdin jeżerċitaw speċi ta' dittatorjat fis-sens illi, billi m'hemmx *Repertory Company* fit-*Teatru Manoel*, dawna jimponu l-kundizzjonijiet rigward liema *plays* għandhom jiġu ppreżentati. Għalhekk, jekk ikun hemm dramm daqsxejn intellettwali u jappella aktar għall-klassi għolja, jarmuh u jgħidu li mhux tajjeb, u b'hekk it-teatru Malti ma jistax jimxi 'l quddiem.

BORN Qabel xejn irridu nħarsu mhux lejn il-kwantità, iżda lejn il-kwalità. F'Malta għandna ma' l-erbgħin kumpanija u kull meta wieħed f'kumpanija ta' Gerex ikollu xi jgħid ma' sieħbu jitlaq u jsir direttur; jifforma kumpanija oħra. Jeħtieġ li jkun hawn xi setgħa li tillimita n-numru tal-kumpaniji, li tara li jkunu reġistrati u li juru ċertu standard. Mhux lakemm wieħed jifforma kumpanija. Għax billi għadd ta' kumpaniji jaħdmu fil-*Manoel*, u mbagħad fl-irħula, u f'ċerti bliet, ikun hemm kumpaniji li qed juru l-irmixk, ma naslu qatt u l-poplu jibqa' dejjem moħħu magħluq. Jien favur li jkollna *Repertory Company*, u li jkollna jekk jista' jkun teatri oħra f'Malta bir-*Repertory Companies* tagħhom ukoll.

EBEJER Jiena nifhem illi l-akbar respon-sabbiltà biex imexxu l-poplu 'l quddiem taqa' fuq l-iskritturi. Biex imexxuh 'il quddiem, forsi bil-mod, imma mhux bil-mod iżżejjed, għax dawn l-affarijiet bil-mod iżżejjed jispiċċaw biex jieqfu. Il-kittieba għandhom jiktbu għat-teatru, imbagħad għall-udjenza li tista' tmur tara dak id-dramm f'dak it-teatru, u b'hekk minflok ma l-kittieb jinżel fil-livell ta' l-udjenza, nippruvaw intellgħu n-nies għal-livell ta' l-iskrittur u tat-teatru modern.

L-uniku rimedju hija r-*Repertory Company*. Noħorġu avviżi, inġibu n-nies, nagħmlu *auditions*, ngħallmuhom u nagħtuhom *plays* suret in-nies fejn il-kittieb ma jipprostitwixxix ruħu għal-livell ta' ċerta sezzjoni ta' l-udjenza. U jekk, per eżempju, il-*Manoel* ibati finanzjarjament, ħalli jbati llum, imma naħseb li 'l quddiem ikolli introjtu mhux ħażin.

NUTAR PELLEGRINI Jiena ma naqbilx ma' dan fis-sens li l-poplu ma tistax iġġibu bil-fors fit-teatru u biex iżżomm it-teatru jrid ikollu l-finanzi. Jekk inti ma jkollokx flus biżżejjed biex tista' tirreżisti u tagħmel dawn il-*plays* tajbin, ikun inutli; ikollok tagħlaq il-bibien u ma jsir xejn.

Dwar ir-*Repertory Company* naqbel perfettament, imma mnejn se ssib lin-nies biex tagħmilha, meta aħna sa llum kellna oppożizzjoni serja u l-kumpaniji qalulna illi jekk nippruvaw nagħmlu dina r-*Repertory Company* inkunu awto-matikament qegħdin noqtlu lill-kumpaniji l-oħra?

DIACONO Tassew li f'din il-ħaġa jidħol ukoll il-lat prattiku, imma aħna ma nistgħux nistennew. L-awtur, il-kittieb, jimxi 'l quddiem u jġib il-ġdid, mhux jibqa' mal-qadim. Il-kumpaniji tagħna hemm bżonn igħinu. Biex nuru kemm għadu ma sar xejn ngħid, per eżempju, li kitba u drammi ta' nies bħal Ionesco, Brecht, Osborne, Wesker, Aden u Cox, dawn kollha u oħrajn bħalhom għadna ma rajnihomx, ma smajnihomx; u mhux lilhom biss imma anqas teatru li jersaq ftit lejhom. Għadna lura, għadna lura wisq. Jiena naħseb illi lill-pubbliku aħna qed nibżgħu nuruh *plays* ta' ċertu livell artistiku u intellettwali, u jien nemmen li jekk nagħtuh dawn il-*plays* u nipprovokaw il-pubbliku biex jaħseb, dan iżjed jiġi għax jibda jappreżża.

**Egħluq**

*CHAIRMAN* Malli t-*Teatru Manoel* ħoloq l-opportunità, numru ta' nies li qatt ma kellhom l-okkażjoni li jkunu magħrufin bħala *playwrights* spiċċaw biex kitbu tajjeb u xi wħud minnhom ħadu wkoll tifħir li sthoqqilhom il-premju. Jiġifieri hija kwistjoni ta' kemm aħna lesti biex nagħmlu l-kuraġġ u t-talent infittxuh, għax it-talent qiegħed hawn Malta u ma hux fl-interess tan-nazzjon li nibqgħu nimxu fuq il-premessa li kulħadd intelliġenti biżżejjed għal teatru serju, barra l-poplu Malti li jrid jibqa' bit-teatru emozzjonali, it-teatru tar-raħal.

1. Minn hawn 'il quddiem se jidher ġdid għall-ewwel darba f'din ir-rivista (nota editorjali).

# Ġorġ Zammit

## jikkummenta fuq

# Il-Poeżija Tiegħu

Nhar l-Erbgħa 17 ta' April, 1985 l-*Għaqda Letterarja Maltija* organizzat laqgħa għaż-żgħażagħ mal-poeta romantiku Ġorġ Zammit fl-okkażjoni tas-Sena Internazzjonali taż-Żgħażagħ. Filwaqt li f'isem il-qarrejja tar-rivista tagħna nirringrazzjaw lill-kumitat organizzattiv ta' l Għ.L.M. għall inizzjattiva siewja tagħhom, se nġibu l-punti ewlenin li ssemmew għal dawk kollha li ma setgħux jattendu. (*Il-Bord Editorjali*)

### X'INHI L-POEŻIJA?

"Il-poeżija għalija hija arti speċjali li fiha l-pittura, l-iskultura, id-danza, l-arkitettura ... Hija dejjem toħroġ mill-qalb li tkun muġugħa." Din il-fehma ta' Zammit li l-poeżija hija frott it-tbatija l-poeta jorbotha għal kollox ma' żewġ poeti kbar, l-ewwel ma' Giosue Carducci (1835 – 1907) u mbagħad ma' Percy Bysshe Shelley (1792 – 1822), wieħed romantiku Taljan u l-ieħor romantiku Ingliż. Fil-każ ta' Carducci, Zammit silet il-poeżija *Alla Signorina Maria A.*:[1]

*O piccola Maria,*
*Di versi a te che importa?*

*Esce la poesia,*
*O piccola Maria,*

*Quando malinconia*
*Batte del cor la porta.*

*O piccola Maria,*
*Di versi a te che importa?*

Fil-każ tal-poeta Ingliż semma l-versi minn *To a Skylark*,[2] miktuba fl-1820:

*We look before and after,*
*And pine for what is not:*
*Our sincerest laughter*
*With some pain is fraught;*
*Our sweetest songs are those that tell*
*of saddest thought.*

B'hekk, Zammit rabat lilu nnifsu mal-qofol filosfiku tar-Romantiċiżmu bħala filosofija sentimentali u melankonika "li toħroġ mill-qalb". Għandha xeħta awtobijografika għax "kull poeżija hija awtobijografika .... Il-poeta jagħti minn dak li jkun għadda minnu. Imma mhux biċ-ċar, bħal fil-każ tal-versi li ġejjin mill-poeżija tiegħi *L-Għerien tal-Fatti*:

*Mhux min jitħannex taħt riġlejn il-qawwa,*
*Mhux min l-imgħawweġ isejjaħlu dmir,*
*Mhux min ikasbar lil min ħniena jitlob,*
*Mhux min jinbiegħ bil-flus jissejjaħ kbir!*

Dan il-post wara Selmun huwa wieħed mill-aktar li ffrenkwentajt għax fih qattajt sigħat sħaħ nikteb u nistudja. Imma dawn il-versi ispirati minn kriżi li ġarrabna fil-familja.

"Għall-poeta kollox jista' jkun poeżija. Mhux dak li hi l-ħaġa imma dak li taraha. Kif qal William Wordsworth (1770 – 1850):[3]

*To me the meanest flower that blows can give*
*Thoughts that do often lie to deep for tears.*

M'hux safejn twassal l-għajn, imma nidħol 'il ġewwa .... Il-widien Maltin saħħruni minn tfuliti u dan is-seħer baqa' jobrom ġewwa fija. Il-poeżija hija ispirazzjoni tal-mument kif ukoll effett tal-meditazzjonijiet ta' qabel. Il-poeżija hija spiritwali u għandha mill-profezija. Il-poeta mhux biżżejjed li jara l-ħaġa; irid jara l-messaġġ li jrid jagħti. Jiena nħobb inħares lejn l-imgħoddi, nistudjah, nistħarrġu, nifraħ bih, inħobbu u nipprova nifhem hemmx x'nistudja xi temi li bihom jistgħu fil-ġejjieni jċanfruna. Inħobb inkun sempliċi imma m'hux elementari – sempliċi ħalli l-messaġġ inwasslu, m'hux elementari għax il-poeżija trid tkun liebsa b'ċerta dinjità."

### IL-MOTTIVI EWLENIN: PATRIJOTTIŻMU U RELIĠJON

Zammit semma li tnejn huma l-mottivi ewlenin tiegħu: *il-mottiv patrijottiku* u *l-mottiv reliġjuż*. Fuq l-ewwel mottiv qal: "Inħoss rabta ma' Malta pajjiżi. Il-ftit li għandha jisboq il-kobor ta' barra. Hija l-minjatura tan-natura. Mhux id-daqs daqskemm is-suġġett, il-kontenut. Il-poeżija hija żvog u l-poeta jitkellem mal-moħħ u l-qalb. L-iskop tal-poeżija tiegħi jixhed twemmin fil-prinċipji ta' pajjiżna għax missirijietna dejjem ħarġu rebbieħa, kif ngħanni f'*Wied Qirda f'Inżul ix-Xemx*:

*U aħna*
.....................
*ser nagħlqu bieb qlubna*
*għas-sejħa ta' ġensna*
*u nidfnu ġo qabar bla ġieħ*
*lil min għażel il-mewt biex igħollik?*

"Insib is-seħer fil-kliem Malti, speċjalment fl-ismijiet tal-postijiet, bħal Għajn Riħana, Ġebel Ażara u l-Għajn tas-Sireni. Is-seħer tal-kelma ("magic of word") m'hux fiha nfisha imma kif tqegħedha. Jiena nagħmel użu sħiħ ta' l-alliterazzjoni aktar minn poeti oħra, bħal:

*Il-ħajja bħal ħalla ta' baħar*
*li tħaddnek u trekknek u tressqek ...*

Zammit fisser fid-dettall il-bidu ta' l-imħabba għat-toponomastika: "Jien u ħbieb oħra tiegħi, bħal Teddy Depasquale u Patri Ġwann Enriquez, meta kellna bejn il-ħdax u s-sittax-il sena konna niġru ma' Malta kollha, bħal Ħaġar Qim u l-Mellieħa, infittxu postijiet ġodda u jien nikteb u/jew inpinġi fuq il-pajsaġġ meta nerġa' lura lejn id-dar. Dejjem fittixthom bi mħabba kostanti u ridt u kelli x-xewqa li wara mewti jgħidu 'Dan għanna l-ġmiel ta' pajjiżu!' In-natura lokalizzata twassalni għand min għamilha, fl-eternita ta' min għamilha. L-għar għalija huwa idea ta' misterju; fih infittex il-misterju ta' l-imgħoddi li jkun ta' torċa għall-quddiem. Jien kburi bl-imgħoddi u l-biża' tiegħi hu li aħna m'aħniex se nkunu denji tiegħu."

Fuq il-mottiv reliġjuż Zammit stqarr: "Ir-reliġjon fil-poeżija tiegħi hija d-dipendenza tal-bniedem minn min ħalqu – kull nifs li jieħu mingħand Alla. Fija hemm ir-ruħ tal-bniedem imxennqa mill-preżenza ta' Alla. Imbagħad dejjem irridu nirrealizzaw li s'issa dejjem żammitna magħquda ħaġa waħda l-fidi tagħna. Indaħħal in-natura u r-reliġjon it-tnejn flimkien għax minn dejjem kelli ammirazzjoni kbira għas-sbuħija fl-aspetti kollha tagħha – il-kwiekeb, l-ispazju, il-baħar, is-skiet, il-familja, il-patrija. Imma għalkemm l-aspett reliġjuż m'hux daqstant persistenti daqs in-natura, ikollna kemm esperjenzi jkollna, kulħadd qiegħed fuq mogħdija waħda lejn l-eternita."

### IN-NIĊEĊ U L-GĦERIEN

Barra "*L-Għanja ta' Għada*, li hija l-ewwel poeżija moderna (dehret għall ewwel darba f'*Il-Muża Maltija* u ħabbtet ħafna mħuħ)", hemm żewġ għanjiet oħra, "*L-Għanja tas-Seba' Niċeċ* hija l-għanja tal-penitenza u *L-Għanja tas-Seba' Għerien* hija l-għanja ta' tifħir tal-valuri Maltin. Għalija n-numru sebgħa qisu melħa, in-numru fatali, tad-destin. Fihom (it-tnejn) qed nipprova nitfa' ħarsti 'l hemm mill-orizzont tal-preżent. Il-varjetà fit-taħlita tal-versi hija magħmula għal ta' l-apposta. Il-versi jimxu mat-taħbit ta' qalbi. Kif jipproduċi l-ħaġa l-artist jagħmilha. L-ispirtu jiddetta."

**NOTI:**

1. Ara, *Poesie di Giosue Carducci* (Bologna, 1924), p. 943.
2. Ara, Thomas Hutchinson, *The Complete Poetical Works of Percy Bysshe Shelley* (London, 1961), p. 603.
3. Minn *Ode on Intimations of Immortality from Recollections of Early Childhood*, vv. 202 – 3.



# IL-"PROBLEMA" TA' L-ESSAY

## SUĠĠERIMENTI PRATTIĊI GĦALL-ISTUDENTI

L-ISTUDENT, bħal kull apprendist ieħor, jeħtieġ illi jitgħallem is-sengħa ta' kif jikteb mingħand l-imgħallmin, u għaldaqstant, il-ħtieġa ta' qari serju hija l-qofol ta' kif għandek tiżviluppa stil personali li jġagħlek tirnexxi. Meta taqra, analizza dak li kiteb ħaddieħor: staqsi lilek innifsek dwar l-ideat ta' l-awtur li tkun qed taqra u dwar il-metodi tiegħu. Huma ta' fejda mistoqsijiet bħal dawn: Dan li qiegħed naqra kif nista' nikklassifikah? Din deskrizzjoni, jew kitba ta' argument? Hawn element narrattiv f'dil-kitba? Jew hija kitba mimlija fantasija? Kemm uża paragrafi l-awtur biex ifisser x'ried igħid? Kemm huma twal? X'punteġġjatura uża? Is-sentenzi tiegħu kollha daqs wieħed? Uża diskors dirett? Fejn użah?

Bħal kull xogħol ieħor, l-*essay* huwa fih innifsu proċess: dak li jkun *se jipprova* (mill-verb Franċiż *essayer*) jagħti l-impressjonijiet tiegħu lil ħaddieħor bil-miktub. Iċ-ċarezza ta' l-espressjoni hija fundamentali.

**Fuq xiex ser nikteb?**

Din hija mistoqsija komuni iżda daqstant ieħor tfixkel lil ħafna studenti. Mill-ġdid, aktar m'hi wiesgħa l-informazzjoni tiegħek, aktar ma int mgħarraf dwar dak li qiegħed jiġri fid-dinja, aktar ma għandek interessi, aktar ser ikun faċli biex tikteb dwar suġġetti li jolqtuk. Importanti wkoll li tkun taf *tosserva*: nies fit-triq, fil-karrozza tal-linja, f'diskussjoni, waqt dibattitu politiku, fil-knisja, fost l-oħrajn. L-aqwa essayisti fil-letteratura ta' kull pajjiż dejjem għaqqdu flimkien l-osservazzjoni, il-ħsieb u l-espressjoni ta' dak il-ħsieb.

Jaqbillek ħafna li titgħallem kif tiġbor il-materjal għal dik li ngħidulha "referenza". Dan il-ġbir ta' materjal fih innifsu huwa arti li missek titgħallem tikkultivah mhux biss għall-għanijiet ta' l-*essay*, iżda għal suġġetti oħra, anki x-xjenzi. Sa issa missek tgħallimt tipprattika sewwa kif tuża katalgu, enċiklopedija jew indiċi. Ħalli npoġġuha mod ieħor: int f'librerija tħossok komdu? Jew tħossok bħal ħuta barra mill-ilma?

Studenti serji għandhom l-indiċi tagħhom, listi u fatti li ġabru huma stess u li organizzaw b'għaqal: dawn jinkludu statistiċi, kwotazzjonijiet minn awturi kbar, referenzi għal kotba oħra, fost l-oħrajn. M'għandniex xi ngħidu, m'hux possibbli li tuża dan il-materjal kollu f'*essay* wieħed, iżda din il-ġabra tgħinek tgħidx kemm biex ikollok sfond (*background*) xieraq għall-kitba *kreattiva* tiegħek. Lanqas ma trid li tikkopja biss dak li tkun ġbart, għax inkella x-xogħol tiegħek jibqa' "ċatt", mingħajr dimensjoni, mingħajr personalità.

Ftakar illi l-aktar żewġ sentenzi importanti fl-*essay* huma dik tal-ftuħ u l-oħra ta' l-egħluq. Tippruvax tikteb introduzzjoni "vasta" għax inkella tikkomplika l-affarijiet u ssib li tkun inxift qabel ma bdejt. Tista' tikkunsidra dawn is-sentenzi għall-ftuħ: (i) sentenza diretta (eż. *Ir-riħ kien qed jonfoħ b'kemm kellu saħħa*), meħtieġa ħafna għal *essay* narrattiv; (ii) sentenza b'diskors dirett (eż. *"Għax ma taqbadx tmidd idejk għal xi ħaġa?"*); (iii) sentenza esklamatorja (eż. *X'wiċċ ta' tbatija kellhom dawk in-nies* ); (iv) sentenza f'għamla ta' epigramm jew proverbju (eż. *Il-ġarra ġejja u sejra fl-aħħar tinkiser*).

L-egħluq ta' l-essay jista' jimxi wkoll fuq dawn il-mudelli, iżda jista' jiddaħħal ukoll element riflessiv li jħalli ċerta kurżità, eż. *Id-dwal kienu ntfew kollha, iżda fil-kamra kien għad hemm xemgħa waħda tnemnem, bħat-tama. Forsi xi darba . . .*

**Il-paragrafi**

L-*essay* irid jinkiteb f'paragrafi. Insa l-idea ta' tliet paragrafi daqsiex. Daħħal paragrafi skond il-moviment ta' l-*essay*. Kull ħsieb ġdid (jew kull episodju ġdid) jitlob paragrafu għalih, u kun af kif għandek tgħaqqad paragrafu ma' ieħor *bil-loġika*, fis-sens li ħsieb irid iwassal għal ieħor. Hawnhekk tidħol il-ħtieġa ta' pjan, ta' *essay organizzat*. Essayisti kbar bħal Macaulay kienu jieħdu ħsieb li jkollhom sentenza topika f'kull

paragrafu, xi kultant fil-bidu tal-paragrafu u drabi oħra lejn in-nofs jew lejn it-tmiem. Meta tkun qed taħseb għas-sentenza topika, evita dawrien mal-lewża jew żidiet personali bħal *Issa ngħaddu biex nikkunsidraw* ... jew *Issa xtaqt ngħid xi ħaġa dwar*...

Ħafna paragrafi jibqgħu monotoni għax ikunu nieqsa minn *verbi b'saħħithom* jew *aġġettivi addattati*. Mill-banda l-oħra, il-paragrafi, bħala regola, qatt m'għandhom jibdew bi kliem jew frażijiet bħal *B'danakollu, Verament, Minn dan naraw* ..., u oħrajn.

**Tipi ta' "Essay"**

Hemm erba' klassifikazzjonijiet ta' l-*essay* modern li huma:

1. *In-Narrattiv* – li jinkludi awtobijografija, storja tal-familja, djarji, ittri, tifkiriet personali, stejjer, aneddoti, ġrajjiet reġjonali u tifkiriet tas-safar.
2. *Id-Deskrittiv* – li jinkludi awtobijografiji, tifkiriet, lokalitajiet, żmenijiet partikolari tas-sena.
3. *L-Espożitorju* – kummentarji soċjali, taħdit ta' natura "politika", ittri lill-editur ta' ġurnal, ittri ta' applikazzjoni, kritika letterarja.
4. *L-Argumentattiv* – diskussjoni politika, kummentarju soċjali, kritika kulturali, kritika letterarja, polemika dwar argument kontroversjali.

Fl-essay famuż tiegħu *Il-Ħtijiet Letterarji ta' Fenimore Cooper*, Mark Twain osserva illi biex jinkiteb *essay* tajjeb jeħtieġ ċerti "regoli żgħar", li ta' min jirrikkmandahom lill-istudenti:

L-awtur jeħtieġlu:

i) *Igħid* dak li għandu xi jgħid, mhux jersaq biss lejn x'jixtieq igħid;
ii) Juża l-kelma preċiża, mhux li hi sekonda-kuġina tagħha;
iii) Iż-żejjed iwarrbu min-nofs;
iv) Iżda d-dettall *neċessarju* ma jħallihx barra;
v) Ma jużax forma fis-sakra;
vi) Juża tajjeb il-grammatika.

Ma nistgħux ma ngħidux kelma ta' twissija dwar il-problema ta' l-ortografija: l-eżaminaturi qaluha kemm-il darba li b'ortografija ħażina ma tistax tgħaddi mill-eżami tal-Malti. Nikkwotaw x'qal wieħed mill-eżaminaturi fis-Seminar mal-għalliema tal-Malti f'Diċembru, 1984: "... dawk li jiktbu b'ortografija ħażina se jkomplu jeħlu."

A. MICALLEF



**Refuġjati mill-Palestina: dawn in-nies għandhom jeddijiet sagrosanti wkoll.**





## الكلمات الصّعبة في النص.

| | |
|---|---|
| رِيفٌ | kampanja |
| جَوٌّ | temp |
| مُشْمِسٌ | xemxi |
| بِيئَةٌ | ambjent |
| كَانَ يَسُودُهَا الهُدُوءُ | kienet issaltan il-ħemda |
| نُزْهَةٌ | passiġġata |
| يَفْحَصُ | jeżamina |
| حَمَلَتْ | ġarret |
| الغُيُومُ | sħab |
| نَصَحَ | ta parir |
| فَجْأَةً | f'daqqa waħda |
| غَزِيرَةٌ | abbundanti |
| بِدُونِ | mingħajr |
| غَيْرُ مَسْرُورِينَ | mhux kuntenti |

| | |
|---|---|
| أُسْبُوعٌ | ġimgħa |
| رَدِيءٌ | ħażin |
| بَحَثْنَا عَنْ | fittixna |
| هُنَاكَ | hemm |
| يَهْتَمُّ بِ | jinteressa ruħu fi |
| بِمُفْرَدِهِ | waħdu |
| مَنْزِلٌ | dar |
| آلَةُ التَّصْوِيرِ | kamera tar-ritratti |
| أَدْرَكْنَا | osservajna |
| حَجَبَتْ | għattiet |
| وَافَقَ عَلَى | qabel ma |
| انْدَلَعَتْ | faqqgħet |
| خَوْفٌ | biża' |
| تَنْمُو | tikber |

| | |
|---|---|
| مُمْطِرٌ | bix-xita |
| قَرَّرَ أَنْ | iddeċieda |
| مُنَاسِبٌ | addattat |
| مُمْتَازَةٌ | eċċellenti |
| حَشَرَاتٌ | insetti |
| مُلاحَظَةٌ | osservazzjoni |
| مُغْرَمَةٌ بِ | tħobb ħafna |
| كَافَّةُ الأَشْيَاءِ | l-affarijiet kollha |
| تَغَيُّرٌ | bidla |
| هَبَّتِ الرِّيحُ | nefaħ ir-riħ |
| اِقْتِرَاحٌ | suġġeriment |
| عَاصِفَةٌ | maltempata |
| كَهْفٌ | għajr |
| مَحَاصِيلُ | il-ħxejjex fl-għalqa, prodott |

## أسئلــــــة

١ - مَتَى قَرَّرَ الأَبُ أَنْ يَقْضِيَ يَوْمًا فِي الرِّيفِ؟
٢ - مَاذَا فَعَلَ أَفْرَادُ الأُسْرَةِ عِنْدَ وُصُولِهِمْ إِلَى الرِّيفِ؟
٣ - بِمَ كَانَ يَهْتَمُّ الأَخُ الصَّغِيرُ وَكَيْفَ قَضَى وَقْتَهُ؟
٤ - مَاذَا تُحِبُّ الأُخْتُ وَلِمَاذَا حَمَلَتْ آلَةَ التَّصْوِيرِ؟
٥ - مَاذَا فَعَلَتِ الأُسْرَةُ عِنْدَ انْدِلاعِ العَاصِفَةِ؟

## أجوبــة لفهم المكتوب "يــوم في الرّيــف"

١ - قَرَّرَ الأَبُ أَنْ يَقْضِيَ يَوْمًا في الرِّيفِ بَعْدَ أُسْبُوعٍ مِنَ الْجَوِّ الْمُطِرِ الرَّبِيعِيِّ.

٢ - بَحَثَ أَفْرَادُ الأُسْرَةِ عِنْدَ وُصُولِهِمْ اِلَى الرِّيفِ عَنْ مَكَانٍ جَمِيلٍ.

٣ - كَانَ يَهْتَمُّ الأَخُ الصَّغِيرُ بِالزُّهُورِ وَالْحَشَرَاتِ وَقَضَى وَقْتَهُ في مُلاحَظَةِ الْحَشَرَاتِ الْمُتَنَوِّعَةِ وَقَطْفِ الزُّهُورِ الْمُلَوَّنَةِ.

٤ - تُحِبُّ الأُخْتُ العَصَافِيرَ وَإِنَّمَا حَمَلَتْ آلَةَ التَّصْوِيرِ لِتَأْخُذَ صُوَرًا لِعَصَافِيرَ مُخْتَلِفَةٍ.

٥ - عِنْدَ اِنْدِلاعِ العَاصِفَةِ شَعَرَ أَفْرَادُ الأُسْرَةِ بِالْخَوْفِ فَدَخَلُوا كَهْفًا قَرِيبًا وَانْتَظَرُوا حَتَّى هَدَأَ الْمَطَرُ.





# فهم المكتوب

## يوم في الريف (١٤)

بقلم الفريد زرافا

بَعْدَ أُسْبوعٍ مِنَ الجوِّ المُمْطِرِ الرَّديءِ، قَرَّرَ أَبي أَنْ يَقْضِيَ يَوْمًا في الرِّيفِ.
وَفي يَوْمِ الأَحَدِ كانَ الجوُّ جَميلاً وَمُشْمِسًا، وَفي الصَّباحِ الباكِرِ رَكِبْنا السَّيّارَةَ وَكانَ أَبي يَقودُها. وَعِنْدَما وَصَلْنا هُناكَ بَحَثْنا عَنْ مَكانٍ جَميلٍ، وَأَخيرًا وَجَدْنا مَكانًا مُناسِبًا لَنا وَجَلَسَ أَبي تَحْتَ شَجَرَةٍ كَبيرَةٍ، أَمّا أُمّي فَقَضَتْ كَثيرًا مِنَ الوَقْتِ تَعْمَلُ بِالإِبْرَةِ. كانَتِ البيئَةُ هُناكَ مُمْتازَةً وَكانَ يَسودُها الهُدوءُ فَلَمْ نَسْمَعْ إِلاّ تَغْريدَ الطُّيورِ.

أَمّا أَخي الصَّغيرُ فَكانَ يَهْتَمُّ كَثيرًا بِالزُّهورِ وَالحَشَراتِ، فَقَدْ ذَهَبَ لِلنُّزْهَةِ بِمُفْرَدِهِ، وَقَضى وَقْتَهُ في مُلاحَظَةِ الحَشَراتِ المُتَنَوِّعَةِ وَقَطَفَ زُهورًا مُلَوَّنَةً لِيَفْحَصَها في المَنْزِلِ. أَمّا أُخْتي فَقَدْ كانَتْ مُغْرَمَةً بِالعَصافيرِ، فَحَمَلَتْ آلَةَ التَّصْويرِ وَأَخَذَتْ عِدَّةَ صُوَرٍ لِعَصافيرَ مُخْتَلِفَةٍ.

عِنْدَ الظُّهْرِ اِجْتَمَعْنا مَرَّةً ثانِيَةً تَحْتَ ظِلِّ الشَّجَرَةِ، حَيْثُ كانَتْ أُمّي في اِنْتِظارِنا وَتَناوَلْنا مِنَ الأَكْلِ الَّذى قَدْ جَهَّزَتْهُ. وَبَعْدَ تَناوُلِ الغَذاءِ وَضَعْنا كافَّةَ الأَشْياءِ داخِلَ السَّيّارَةِ وَهَيَّأْنا أَنْفُسَنا لِلتَّجَوُّلِ في المَزارِعِ حَيْثُ كانَتْ تَنْمو مَحاصيلُ مُخْتَلِفَةٌ. وَهٰكَذا اِتَّجَهْنا إِلى الحُقولِ وَتَمَتَّعْنا بِكُلِّ ما شاهَدْنا، وَلٰكِنَّنا أَدْرَكْنا تَغَيُّرًا في الجَوِّ، وَالغُيومُ حَجَبَتِ الشَّمْسَ وَهَبَّتِ الرِّياحُ فَنَصَحَنا أَبي بِالرُّجوعِ إِلى سَيّارَتِنا. فَوافَقَ كُلٌّ واحِدٍ عَلى اِقْتِراحِهِ. وَفَجْأَةً وَفي الطَّريقِ إِلى السَّيّارَةِ اِنْدَلَعَتْ عاصِفَةٌ، وَكانَتِ الأَمْطارُ غَزيرَةً وَشَعَرْنا بِالخَوْفِ فَدَخَلْنا كَهْفًا قَريبًا وَانْتَظَرْنا فيهِ. وَعِنْدَما هَدَأَ المَطَرُ خَرَجْنا مِنَ الكَهْفِ وَجَرَيْنا بِدونِ تَوَقُّفٍ حَتّى وَصَلْنا إِلى سَيّارَتِنا. فَرَكِبْنا السَّيّارَةَ وَرَجَعْنا إِلى مَنْزِلِنا غَيْرَ مَسْرورينَ.

# PROFIL: ANTON BUTTIGIEG (1912 – 83)

ĠORĠ MIFSUD

ANTON BUTTIGIEG, jew aħjar kif kien magħruf Toni tal-Baħri, twieled il-Qala, Għawdex fit-12 ta' Frar, 1912. Missieru Salvu, magħruf bħala *Il-Baħri*, kien jaħdem fuq il-baħar. Anton kien iż-żgħir minn tliet aħwa; ħutu, li għadhom ħajjin, jisimhom Ġużeppi u Marija.

Mill-ġenituri tiegħu, ommu kellha l-ikbar influwenza fuqu saħansitra wara li ħa l-pożizzjoni tiegħu. Kien imur skola fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù fir-Rabat, Għawdex, imbagħad fil-Kulleġġ San Alwiġi, Birkirkara biex imbagħad daħal l-Università ta' Malta, bil-ħsieb li jsir qassis kif kienet ix-xewqa ta' ommu. Fil-kors tat-Teoloġija dam mill-1933 – 36, tilef il-vokazzjoni, qaleb għall-kors tal-Liġi biex laħaq nutar fl-1939 u avukat fl-1940.

Meta faqqgħet il-gwerra Buttigieg kellu jagħti bħal ħaddieħor is-sehem tiegħu u bejn is-26 ta' Marzu, 1942 u l-11 ta' Novembru, 1944 daħal fil-Korp tal-Pulizija fil-Fergħa tal-Kontroll ta' l-Ikel barra xogħol ieħor li ngħatalu bħala spettur il-Ħamrun.

Bejn l-1946 – 48 kien riporter legali mal-gazzetta *The Times of Malta* u ġieli kiteb xi editorjali tagħha wkoll. Fl-1951 ħareġ għall-politika favur il-Partit Kostituzzjonali, imma ma kienx elett. Fl-1953 ħareġ għall-elezzjoni f'isem il-Partit Laburista u rebaħ is-siġġu fl-1955 u qatt ma tilfu wara. Fl-1961 inħatar Deputat Mexxej tal-Partit u għaxar snin wara laħaq Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Parlamentari fil-Gvern ta' Dom Mintoff. Fl-1976 inħatar mill-Parlament it-tieni President tar-Repubblika ta' Malta u rtira meta għalaqlu ż-żmien fi Frar, 1982. Miet fil-5 ta' Mejju, 1983.

Il-ħidma letterarja ta' Buttigieg bdiet fiż-żmien meta kien l-Università bħala msieħeb ta' l-*Għaqda tal-Malti (Università)*. Mill-aħħar snin ta' l-Għoxrinijiet, meta beda jikteb il-Poeżija, sakemm miet inbniet fergħa importanti tar-Romantiċiżmu Malti bis-saħħa tax-xogħol ta' Buttigieg, li kiseb ir-rikonoxximent tal-kittieba Maltin meta ngħatalu l-*Premju Ġużè Muscat Azzopardi* fl-1972 (flimkien ma' Karmenu Vassallo). Kienet karriera twila influwenzata l-aktar mir-Romantiċiżmu Ingliż u Taljan għall-imħabba lejn *Ommna n-Natura* kif ukoll mill-kriżijiet kbar li qanqlu fih il-ġrajjiet taż-żwieġ fil-mewt ta' l-ewwel mara Karmena jew Nannie Bezzina, li magħha jduruż-żewġ poeżiji magħrufa *Il-Kebbies tal-Fanali* u *Niftakar*.

*Allaħares ma kienx Majsi*
*illi jagħmel ftit tad-dija;*
*u ma' Majsi – allaħares –*
*ma kenitx il-Poeżija!*

(*Il-Kebbies tal-Fanali*)



*. . . u bqajna ġo darna*
*fid-dawl tal-Madonna*
*weħidna flimkien*
*jien u l-Baħħ*
*il-Baħħ u jien,*
*jien nibki, l-Baħħ jibki*
*ħdejn sodda ta' tnejn*
*mifruxa ta' xejn!*

(*Niftakar*)

Kbira wkoll kienet il-telfa tat-tieni mara tiegħu, Connie Scicluna, fl-1956 għalkemm kitbilha eleġija waħda biss, *Bla Demgħa ta' Biki*:



*Għażiża Connie,*
*il-hemm tal-ħajja*
*nixxifli l-kanali t'għajnejja,*
*nixxifli l-għanjiet fuq xofftejja,*
*u bqajt bħal kitarra bil-kordi maqtugħa,*
*u bqajt bħal miblugħ . . .*

Ma' dawn kollha jidħlu ġeneri letterarji bħall-epigrammi, il-limerikki, il-ħajku, it-tanka, il-ballata kif jixhdu l-antoloġiji *Mill-Gallerija ta' Żgħożiti* (1945), *Fanali bil-Lejl* (1949), *Ejjew Nidħku Ftit* (1963), *Ejjew Nidħku ftit Ieħor* (1966), *Qasba mar-Riħ* (1968), *Il-Muża bil-Kimono* (1968), *Fl-Arena* (1970), *Ballati Maltin* (1973), *Il-Għanja tas-Sittin* (1975) u l-awtobijografija tiegħu *Toni tal-Baħri* (1978), *Il-Għażla tat-Triq* (1980) u *Il-Morsa tal-Mewt* (1981).

## IR-ROMANTIĊIŻMU TA' BUTTIGIEG

Fid-diskors li għamel fit-12 ta' Frar, 1972, meta ngħata l-*Midalja Ġużè Muscat Azzopardi*, Buttigieg fisser bir-reqqa x'inhu r-romantiċiżmu li jemmen fih hu fl-isfond tal-Poetika kollha tiegħu:[1] "L-ewwel u l-aqwa messaġġ li ridt nagħti lill-qarrejja tiegħi kien li jħobbu lin-Natura. Min imur lejn in-Natura ma jkunx qed jaħrab mill-ħajja, ma jkunx *escapist* imma jkun qed imur lejn il-ġmiel, il-perfezzjoni u l-armonija tal-ġnien li Alla ħalaq lill-bniedem biex igħix fih, u jerġa' lura mogħni bin-nebħa u bil-ġibda lejn il-ġmiel, il-perfezzjoni u l-armonija tal-ħajja. Għalija l-kwiekeb, is-sema, il-baħar u s-siġar m'humiex ħaġa mejta imma ħlejjaq li daqs l-agħsafar ikellmu direttament lil qalbi. Il-vandalu li jkisser siġra lili jweġġagħni daqs kieku qed isawwat lili . . . .

Inħoss għalhekk li jkun dmir tiegħi bħala Ministru li nħares in-Natura mit-tniġġis u l-qerda, li nimla lil Malta bis-siġar, li noħloq kenn għall-agħsafar.

Bħal kull żagħżugħ għannejt il-għanja tal-imħabba, l-imħabba safja u mhux taż-żina u wrejt ix-xenqa tal-hena tal-ġabra flimkien ma' martek u wliedek fid-dar tiegħek.

Iżda Alla ma għoġbux hekk u għal darba darbtejn ħadli lil marti ħesrem. Il-għanja tiegħi nbidlet f'għanja ta' niket, f'eleġija. Iżda l-għanja mnikkta tiegħi hi għanja ta' sabar nisrani, għanja ta' tama ta' laqgħa u għaqda oħra dejjimija fis-sema. Qatt, qatt ma ddisprajt u komplejt miexi fit-triq tal-ħajja mimli bis-sabar, bit-tama, bil-qlubija . . .

Biex inkompli miexi fit-triq tas-sabar u l-qlubija kienet ta' għajnuna . . . għalija r-reliġjon ta' missirijietna, il-fidi nisranija. Lil Kristu nħobbu qisu ħija, lil Ommu bħala ommi, Kristu għalija fuq kollox huwa l-imgħallem tal-ħajja, il-feddej tal-foqra, il-ħabbar tal-imħabba u tal-paċi. Iżda l-akbar tagħlima tiegħu għalija hija li l-ħlas li jistenna huwa biss is-salib fuq il-Kalvarju.

Lill-qaddis li l-aktar jixbah lil Kristu, San Franġisk, jien ukoll ħabbejtu bi mħabba kbira, ħabbejt l-imħabba tiegħu lejn il-ħlejjaq kollha, ħabbejt il-faqar u s-sempliċità tiegħu, ħabbejt l-ispirtu ta' mħabba li huwa daħħal fil-Medjuevu mqit u bla ħniena . . .

F'ħajti kollha jiena kelli diversi ideali. L-ewwel wieħed meta kont għadni student kien li naħdem biex il-Maltin jagħrfu lil ilsienhom bħala lsien nazzjonali tagħhom u li mmexxi 'l quddiem il-letteratura Maltija. Għalhekk studjajt ħafna l-letteraturi barranin, u daħħalt il-forom kollha li sibt fihom kif ukoll l-istil u l-ispirtu tal-awturi tagħhom. Fost dawn kien hemm anki l-letteratura Ġappuniża.

It-tieni ideal li kelli kien li nara lil Malta indipendenti u Maltija, u għal dan ħdimt u kont lest biex nissagrifika ħajti.

It-tielet ideal li kelli kien li ngħolli d-dinjità tal-persuna tal-bniedem. Bħal Kristu jiena nara lil kull bniedem bħala xbiha t'Alla u għalhekk hija, u għalhekk jixraqlu li jgħix ħajja diċenti, ħieles mill-faqar u mill-injoranza, u ħieles minn kull ilġiem fuq il-ħsieb tiegħu. Għal dan ukoll jien iġġelidt ġlieda mill-aktar ħarxa iżda dejjem bi tbissima ta' mħabba u ta' paċi fuq fommi . . .

. . . Aħna l-poeti bħal kanarini fil-gaġġa t'Alla, huwa jitmagħna u jieħu gost jismagħna nsaffru, meta mmutu jpoġġi minflokna kanarin ieħor fil-gaġġa tiegħu. Jiena ma nippretendix li l-poeti ġodda jimxu fuq il-passi tagħna. Jalla jsibu forom u ideat ġodda kemm iridu, imma jalla ma jarmux ideali u l-messaġġ tagħhom ikun kostruttiv daqs tagħna jekk mhux aktar minn tagħna . . ."

**NOTA:**

1. Ara, Ġorġ Mifsud, Noti fuq *Qasba Mar-Riħ. Studju* (Malta, 1980), p. 63 – 66.




## NOTI GĦALL-ISTUDENTI TAL-MATRIKOLA

Din is-sensiela għall-Matrikola Ordinarja u għall-Matrikola Avvanzata tal-Malti hi maħsuba biex l-istudenti jinżlu aktar fil-fond fl-istħarriġ tat-testi ta' l-eżami. Hawn referenzi bijografiċi, hawn stħarriġ tal-ktieb, hawn il-mistoqsijiet biex igħinu lill-istudenti jaħsbu għall-eżami. Fil-każ tar-rumanzi u d-drammi hawn il-kapitli jew l-atti fil-qosor. Fil-każ tad-drammi hawn intervisti ma' l-awtur.

B'dawn in-noti l-istudent se jkollu moħħu mistrieħ li jkun mħejji bis-serjetà għall-eżami.

# 7 KOTBA ĠODDA JINSTABU GĦALL-BEJGĦ!

peg Publications

**Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd.,**
P.E.G. Building,
Herbert Ganado Street, Ħamrun
Telephone: 24186

**P.E.G. Book Centre,**
Savoy Shopping Arcade,
Republic Street, Valletta
Telephone: 621229